NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

Nru. 101 Jannar - Marzu 2021

## IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JAWGURA LILL-ANZJANI U L-QRABATHOM KOLLHA IS-SENA 2021 MIMLIJA RISQ, HENA, SAĦĦA, PAĊI U PROSPERITÀ




F'din l-edizzjoni...



8

**L-Epidemija fil-Milja taż-Żmien**
*Kitba ta' Paul S. Debono*



6

**Il-Footballer Julian Holland**
*Intervistat minn Nazju Abela*



# APPREZZAMENT lill-Professur Oliver Friggieri

Nhar is-Sibt, 21 ta' Novembru 2020, smajna bl-aħbar ta' niket li l-Professur Oliver Friġġieri ħalla din id-dinja. Aħna nħossuna ferm imkabbrin u onorati li, għal ħafna snin, il-Professur Friġġieri kien kontributur regolarissmu ta' dan il-*magazine*.

Fuq Oliver Friġġieri diġà nkiteb ħafna u għad ikompli jinkiteb ukoll. U hekk huwa xieraq u sewwa. Bħalma qal tajjeb ħafna fuq *facebook* il-ħabib tiegħu, Trevor Zahra, kieku Oliver Friġġieri kien biss il-ġgant tal-letteratura Maltija li hu, il-filosfu, il-ħassieb, il-poeta u ħafna iktar, kien ikun diġà biżżejjed biex Malta kollha tibqa' midjuna lejh għal dejjem. Imma Oliver kien iktar minn hekk ukoll. Kien għajn ta' faraġ u ta' ispirazzjoni għal ħafna. Kien parti kbira mir-ruħ ta' pajjiżna. Kien jibki mal-weġgħat ta' pajjiżna, jifraħ b'dak kollu li niksbu, ma jistħix jirrikonoxxi u jqim lill-eroj bħalma ma jiddejjaqx iċanfar b'doża meqjusa ta' kuraġġ u mħabba kull meta jħoss li artna qed tittradixxi dak li jagħmilha "Malta".

Imma, fuq kollox, Oliver kien bniedem kbir għax kien bniedem umli. Kien jgħin lil kulħadd mingħajr ebda eċċezzjoni. Kien jittratta ma' kulħadd bir-rispett kif inhu xieraq. Minkejja l-kobor tiegħu, xejn ma kien imkabbar u qatt ma ra lil ħadd dubbien. U għax kien tant umli, daqstant ieħor kien bniedem kbir għax, kif qal Sidna Ġesù Kristu, min jiċċekken, ikun merfugħ 'il fuq.

F'isem il-President u l-Membri kollha tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, nagħtu l-kondoljanzi sinċiera tagħna lill-familjari tiegħu u nitolbu lil Mulej biex ifittex jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem li tant jixraqlu.

Il-Bord Editorjali



# Awguri lill-Isqfijiet Għawdxin

F'isem il-President u l-Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, minn dawn il-paġni, nagħtu tislima mill-qalb lill-E.T. Monsinjur Isqof, Mario Grech u nirringrazzjawh tal-ħidma sfieqa tul l-Episkopat tiegħu fid-Djoċesi ta' Għawdex. Ma nistgħux ma niftakrux b'għożża il-laqgħat li kellna miegħu li dejjem kienu karatterizzati bl-akbar kordjalità u mħabba. Fl-istess waqt, minn qiegħ qalbna, nifirħulu u nawgurawlu suċċess fil-kariga ġdida tiegħu, kemm bħala Segretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet kif ukoll bħala t-tielet Kardinal li ġej mill-gżejjer Maltin.



Nieħdu din l-opportunità biex nifirħu u nawguraw ukoll lill-E.T. Monsinjur Isqof Anton Teuma għal kariga ġdida tiegħu bħala Isqof ta' Għawdex. F'din l-okkażjoni, inwegħduh ir-rispett u s-solidarjetà u noffrulu s-servizzi tagħna biex nibqgħu naħdmu flimkien miegħu għall-ġid u l-prosperità tal-anzjani kollha Maltin u Għawdxin.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jawguralkom is-saħħa u jitlobkom il-barka tagħkom.



# Merħba lill-Onor. Dr Michael Farrugia, MD, MP, Ministru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva

Il-President u l-Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jifirħu u jawguraw lill-Onor. Dr Michael Farrugia, MD, MP, għall-kariga ġdida tiegħu bħala Ministru responsabbli mill-Anzjani u l-Anzjanità Attiva. F'din l-okkażjoni ta' ferħ, juru r-rispett u s-solidarjetà tagħhom miegħu u, bħalma għamlu fl-imgħoddi, sew mal-predeċessur tiegħu kif ukoll miegħu stess meta hu kien ministru f'dan il-qasam, joffrulu s-servizzi tagħhom ħalli nkomplu naħdmu flimkien b'risq l-anzjani kollha Maltin u Għawdxin.

# Ħajr lill-Onor. Silvio Parnis



F'isem il-President u l-Membri tal-Kunsill Nazzjonli tal-Anzjani, nixtiequ rroddu ħajr lill-Onor. Silvio Parnis tal-ħidma kbira tiegħu u l-kooperazzjoni li dejjem sibna mingħandu fiż-żmien meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u l-Anzjanità Attiva fi ħdan il-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali. Minn dawn il-faċċati, mill-qalb, insellmulu.

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**


**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Anthony Mulè Stagno,
Mary Farrugia, Nazju Abela,
Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Anthony Mulè Stagno

**Viċi President:**
Peter Paul Bonnici

**Segretarju:**
Anthony Deguara

**Ass. Segretarja:**
Doris Aquilina

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Dr. Anthony De Giovanni

**U.R.P.:**
Nazju Abela

**Membri:**
Mary Farrugia
Alfred Mallia
Joseph Micallef
Frank Mumford
Pauline Zammit
Lino Debono (Co-Opted)


**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00


KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860, 27 350271**
**E-mail: kna@onvol.net**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**


## *EDITORJAL*



# Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

"L-ikbar ġlieda mal-injorant," kien jgħid Napuljun, "għax ma tirbaħha qatt!" U veru! Tiltaqa' ma' xi ħadd, jgħidlek xi argument bażwi biex, mingħalih, jurik kemm għandu raġun, tagħmel xi nofs siegħa titħabat miegħu u tispjegalu għala mhux qed jirraġuna b'mod razzjonali u imparzjali, jibda jagħti b'rasu, taħseb li tkun ipperswadejtu biex, imbagħad, jgħidlek: "Imma ..... " u jerġa' jirrepetilek l-istess argument bażwi li jkun beda bih. Tassew frustranti!

Imma jien inżid ma' dak li qal Napuljun u ngħid li l-akbar injorant huwa dak li ma jitgħallem qatt jew dak li ma jridx jitgħallem. Il-bniedem jitgħallem mill-esperjenzi li jgħaddi minnhom tul ħajtu u jitgħallem anki mill-iżbalji. Wara kollox, kulħadd *tabula rasa* jitwieled; kulħadd injorant jibda, imbagħad, jibda jibni l-intellett tiegħu bil-mod il-mod permezz tal-esperjenzi li jgħaddi minnhom matul ħajtu u anki tal-iżbalji li jikkommetti. Imma, sfortunatament, hawn min tant jaħseb li hu bravu u li ma jagħmilx żbalji li, allura, miskin, dan kellu wisq inqas opportunitajiet minn ħaddieħor biex jitgħallem u, għalhekk, baqa' injorant.

U kemm niltaqa' magħhom nies bħal dawn jien! Iktar ma nniżilhomx, iktar insibhom ma' wiċċi; donni għandi xi kalamita tiġbidhom lejja. X'waħda din! Tgħid dan huwa każ ta' *birds of a feather?* U le, x'jien ngħid? Ma jistax ikun għax jien tant għamilt żbalji f'għomri li llum inħossni li sirt espert ta' kollox. Ma tinnutawx, possibbli? Fuq kollox nikteb f'dawn l-editorjali! Fuq kollox nifhem; Alla jbierek! Però, ara ma temmnux waħda milli ngħid għax jien kollox biċ-ċajt nieħu; iċ-ċajt biss nieħu bis-serjetà. U x'hawn isbaħ? Mhux hekk?

Mel' isimgħu dawn! Ftit ilu ltqajt ma' pulizija ħabib tiegħi. Qiegħed fid-Dipartiment għall-Investigazzjoni Kriminali. Biex, mingħalih, jimpressjonani, ħareġ mill-but tliet ritratti ta' kriminal internazzjonali li xxerred fuq is-*social media* mill-Interpol. Tliet ritratti tal-istess persuna; wieħed mill-ġenb tal-lemin, wieħed mill-faċċata u l-ieħor meħud mill-ġenb tax-xellug. Jien, biex inkun għidtlu xi ħaġa, staqsejtu jekk qabduhx. Qalli, "Lil tan-nofs iva imma t-tnejn l-oħra għadna qed infittxuhom."

Tnejn waqgħu ġo ħofra. Wieħed minnhom qal: "Hawn id-dlam hawn, hux veru?" U l-ieħor qallu: "Ma nafx; ma nista' nara xejn!"

Tnejn kienu għaddejjin bil-karozza. Hin minnhom, dak li kien qed isuq qal lil sieħbu biex jara jekk l-indicator kienx qed jaħdem. L-ieħor ħareġ rasu mit-tieqa u qallu: "Iva, le, iva, le, iva, ..... "

"L-ossiġenu huwa essenzjali għall-ħajja," kien qed jgħid l-għalliem tax-xjenza. "L-ossiġenu kien skopert minn Joseph Priestley fis-sena 1773."

"Allura n-nies li kienu jgħixu qabel x'kienu jagħmlu biex jieħdu n-nifs, sir?" staqsa student minn dawk li rreferejt għalihom aktar 'il fuq.

Żewġt iħbieb oħra, li kienu joqogħdu f'irħula differenti, ftiehmu li jiltaqgħu Putirjal u jidħlu daħla sal-Belt. Wieħed minnhom kien fuq il-post fil-ħin miftiehem imma l-ieħor m'hemmx li jitfaċċa. Wara li għadda ftit tal-ħin mhux ħażin, jarah ġej bir-rota. "Dan x'kien ġejt bir-rota?" staqsieh.

L-ieħor qallu: "Għax, xħin kont sejjer għal tal-linja, kien hemm tfajla fuq ir-rota li ħabtu għaliha żewġ ġuvintur biex isawtuha u jisirquha u jien qbist għaliha u salvajtha u hi tant ħassitha obbligata lejja li neżgħat il-ħwejjeġ, tefgħethom mal-art, ħdejn ir-rota u qaltli: "Ħu li trid!" U jien ħadt ir-rota!

"Ħa ngħidlek," qallu sieħbu. "Naħseb li sewwa għamilt ta għax, kieku ħadt il-ħwejjeġ, mhux żgur kienu jiġuk!"

Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.



# Premju Anzjanità Attiva 2020

## Fit-30 ta’ Ottubru 2020, saret il-preżentazzjoni tar-rebbieħa tal-Premju Anzjanità Attiva għas-sena 2020



Il-Premju Anzjanità Attiva, li huwa avveniment ta’ skala nazzjonali u li jaqa’ taħt il-patroċinju tal-President ta’ Malta, jiċċelebra l-ammont kbir ta’ xogħol, impenn u dedikazzjoni fis-settur tal-Anzjanità Attiva. Din is-sena, għalhekk, minkejja l-pandemija, xorta nħass il-bżonn li dan l-avveniment isir anki jekk b’mod virtwali.

Din is-sena, il-bord laqa’ applikazzjonijiet għal disa’ premjijiet: Premju Anzjanità Attiva; Premju Koppja Miżżewġa; Premju Anzjanità Akkademika; Premju Anzjanità Sportiva; Premju Mudell Ideali; Premju Anzjanità Kulturali; Premju Solidarjetà Interġenerazzjonali u żewġ Premji ġodda, bl-isem ta’ Premju Anzjanità Attiva fid-Djar Residenzjali u Premju għall-Aqwa Nannu/Nanna. Apparti dawn id-disa’ premjijiet, ġie deċiż ukoll mill-bord tal-għażla u mis-Segretarjat Parlamentari li għandu jingħata wkoll premju ta’ rikonoxximent.

Ir-rebbieħa ta’ kull premju huma;
Premju Anzjanità Attiva 2020 – Is-Sur Philip Chircop;
Premju Anzjanità Akkademika 2020 – Is-Sa Doris Cannataci;
Premju Anzjanità Sportiva 2020 – Is-Sur Lawrence Bugeja;
Premju Koppja Miżżewġa 2020 – Il-kriterji ta’ eliġibilità ma’ ġietx milħuqa;
Premju Mudell Ideali 2020 – Is-Sa Lilian Plumpton;
Premju Anzjanità Attiva Kulturali 2020 – Is-Sur Paul Fenech;
Premju Solidarjetà Interġenerazzjonali 2020 – Is-Sa Maria Theresa Camilleri;
Premju Anzjanità Attiva fid-Djar Residenzjali 2020 – Is-Sur Gaetano D’ Amico;
Pre mju Nanniet tas-Sena 2020 – Is-Sa Frangiska Briffa;
Premju bħala rikonoxximent mis-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b’Diżabbiltà – Is-Sur Alfred Lewis.

Waqt din iċ-ċerimonja, il-President ta’ Malta George Vella qal li; “L-anzjanità hija suġġett li nixtieq li jiġi diskuss aktar spiss, speċjalment fejn tidħol is-solitudni fost l-anzjani. Din il-pandemija, li ma jidhirx li se tħallina ngħixu n-normalità li konna nafu qabel, għal mill-inqas xi ftit xhur oħra, urietna biċ-ċar kemm hi kiefra s-solitudni. Laqtet lil kulħadd... lill-anzjani li sabu ruħhom waħedhom, u li kienu maqtugħin mill-preżenza ta’ dawk kollha li b’xi mod jew ieħor kienu jżommulhom kumpanija... Inħoss, għalhekk, li dawn il-premjijiet qed jingħataw f’mument f’waqtu ħafna, fejn inroddu ħajr lill-anzjani u l-ħidma tagħhom fit-tisħiħ tal-ġid komuni.”

Is-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b’Diżabbiltà Silvio Parnis qal li l-gvern qiegħed juri l-apprezzament tiegħu lejn kull min qed jaħdem għal soċjetà iżjed inklussiva, fejn il-persuni u l-qraba tagħhom jgħixu f’komunitajiet iżjed inklussivi u b’hekk ikunu jistgħu jgħixu b’mod iżjed indipendenti. Is-Segretarju Parlamentari saħaq fuq kemm huwa importanti li l-anzjani jibqgħu attivi u l-gvern jemmen b’mod sħiħ fl-anzjanità attiva. Fil-fatt, ftit tal-ġimgħat ilu tnediet l-istrateġija politika nazzjonali għall-anzjanità attiva 2021-2027.

Is-Segretarju Parlamentari Parnis saħaq ukoll li dan il-premju jgħin sabiex iħeġġeġ lill-anzjani jibqgħu attivi. Dan ma jgħoddx biss għall-anzjani li jgħixu fil-komunità iżda wkoll għal dawk li jgħixu fid-djar residenzjali. Huwa proprju għalhekk li din is-sena kien hemm ukoll il-Premju Anzjanità Attiva fid-Djar Residenzjali.

Is-Segretarju Parlamentari għalaq billi qal li din is-sena hija sena b’bosta sfidi b’mod speċjali għall-anzjani tagħna. Huwa proprju għalhekk li qed inħeġġu lill-anzjani sabiex iżommu ruħhom attivi, anki jekk ġo darhom stess. Fil-fatt, tul din is-sena rajna ħafna anzjani li bdew joħorġu b’ideat ferm innovattivi sabiex iżommu lilhom infushom attivi f’darhom. Dawn l-ideat jimmeritaw li jiġu rikonoxxuti u kien għalhekk li, minkejja din il-pandemija, xorta waħda nħass li dawn l-inizjattivi għandhom jiġu rikonoxxuti anki jekk b’mod differenti.

Il-President kif ukoll il-membri kollha tal-Kunsill jifirħu lir-rebbieħa kollha speċjalment lis-Sur Philip Chircop, Fundatur tal-Għaqda Nanniet Malta u li huwa wkoll Affiljat mall-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani.





# Meta mmur inżur lill-għażiża ommi

**Kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap.**



Inkun qed nistennieħ minn jum għall-ieħor il-mument li mmur nżur lill-għażiża ommi; mara anzjana imma li, għall-grazzja tal-Mulej, għadha għaddejja bil-ħajja tagħha. S'issa!

Naf! Ix-xogħol tal-isptar huwa kbir u jgħajjini ħafna wkoll. Nipprova kieku nistrieħ kemm nista' ħalli nkompli naqdi lil Ġesù fikom, għeżież ħuti Maltin u Għawdxin, meta intom, jew l-għeżież tagħkom, tinxteħtu fis-sodda tal-mard. Imma mhux l-ewwel darba li xorta nibqa' nħoss is-sintomi tagħha. Mad ankollu, għalkemm inbati, xorta waħda nħoss faraġ kbir jiġri f'qalbi, f'ġismi, f'moħħi u, fuq kollox, f'ruħi. Għax huwa proprju f'dak il-waqt ta' telqa, wara xi ġurnata xogħol li donnha la għandha bidu u lanqas tmiem, meta minn filgħodu sa' filgħaxija nagħti, fil-kurituri twal tal-Isptar Mater Dei, dlonk nisma' dik it-tpespisa ħelwa u sinċiera ta' wieħed mill-qaddisin kbar Kapuċċin li x-xogħol kien jaf tassew x'inhu u xi jsarraf għax kien iqatta' mat-tnax-il siegħa kuljum iqarar. Qiegħed ngħid għal San Leopoldu Mandić li kien iħobb jgħid: *Saċerdot għandu jmut minn xogħol tal-appostolat iebes. M'hemm l-ebda mewta li tagħmel ġieħ lil saċerdot għajr din.*

Għalhekk, u fil-kuntest ta' dan kollu, il-mawra għand ommi tagħmilli kuraġġ liema bħalu. Għax hija mawra fejn jien, għal ftit tal-ħin, nerġa' nidħol fid-dinja ta' dak it-tifel żgħir. Dak it-tifel ferħan li kien iqatta' s-siegħat jilgħab bl-istatwi fid-dar; li kien jarma l-kċina bil-pavaljuni; li kien jagħmel il-musketterija meta toħroġ l-istatwa tal-qaddis jew il-qaddisa tal-knisja tiegħu. Tifel li l-għaxqa tiegħu kienet li jarma l-artal ċkejken tiegħu; li kien iqaddes il-quddiesa u jqarben lil ommu li, dak iż-żmien, kienet l-uniku membru li kien ikollu fil-kongregazzjoni tiegħu meta kien iqaddes.

Xi ġmiel meta nżur lil ommi! Imma l-ferħ jibda minn qabel ma nasal għandha tafux! Ngħaddi mit-triqat fejn kienu joqogħdu dawk u l-oħrajn; fejn kienu joqogħdu ħafna minn ħbiebi. U, hemm ara, f'dak il-parapett, konna għamilna l-magħruf *league* tal-*billiard*. Kif qatt nista' ninsa' dak l-imbierek *league?* Niftakarni li, f'widinti l-leminija, kien għad kelli dik il-garża u kont għadni qed nieħu kors ta' antibijotiċi. U mhux bilfors! Jekk, f'waħda minn dawk il-ħarġiet li ma ninsa qatt ma' tal-Mużew, telagħli musmar bil-maqlub għax domt nistrieħ fil-baħar u, hekk, dabbart infezzjoni daqshiex? U li t-tabib bravu tal-familja, li bih konna ninqdew f'dawk iż-żminijiet, ra kif għamel u naddafhieli. Niftakar li f'dak il-*league* tal-*billiard* li, għalih, konna ħallasna ħamsa u sebgħin ċenteżmu (li dak iż-żmien kienu flus) konna rbaħna tazza kull wieħed jien u sieħbi.

Għalhekk, meta nasal id-dar t'ommi, nieħu arja friska ġo fija, l-arja qaddisa tat-tfulija innoċenti, li nibqa' nġorr miegħi kulfejn immur; arja li, aktar ma nikber, aktar nintebaħ kemm kienet safja u li tagħti l-ħajja tassew.

U, kif nidħol għand ommi u nsellmilha u nkellimha ftit, mill-ewwel tippreżentali l-ikel bnin li tkun ħejjietli. X'ma nħobbux l-ikel tal-għażiża ommi! U x'ma noħlomx fuqu meta l-imrar tal-ħajja jaħsel ġej għalija bil-gelgul! Kemm niekol ħwejjeġ bnini minn taħt idejha! Għax ommi, mara anzjana, taf issajjar sewwa. U niggustaha tgħidli li tqum kmieni biex, bil-mod il-mod, tħejji l-ikel li ssajjarli b'tant imħabba.

Għax, tassew ħbieb, kull darba li nduq l-ikel bnin tagħha, induq ukoll il-barka tagħha; il-barka ta' omm. Dik il-barka li ma tafx għajr ħaġa waħda; li tfittex il-ġid għal uliedha. Naf li, kull kelma li tgħidli ommi, tgħidhieli għall-ġid tiegħi u xejn aktar. Għalhekk, niftaħ par widnejn daqshiex għal kull kelma li toħroġ minn fommha. L-esperjenza ta' ħajti tgħallimni l-ħin kollu li, kull kelma minn fommha, għalija tfisser ħajja u ħajja bil-kotra. U, wara li nisma' l-parir tagħha, li lili jhennili lil qalbi, u ngħidu dawk iż-żewġ kelmiet, jasal ukoll il-mument fejn tagħtini l-ħwejjeġ li tkun ippreparatli. Għax ommi twettaq dan ix-xogħol miegħi għax tassew trid u mhux għax imġiegħla. Allura, kull għemil tagħha, għalija huwa katekeżi shiħa. Katekeżi tal-imħabba li tagħti. U tagħti l-ħin kollu bla ma tgħejja. Bħalma tgħallimna Santa Tereża ta' Kalkutta li, f'jum għeluq sninha, l-għażiża ommi welditni għad-dinja: *Il-qies tal-imħabba hu l-imħabba bla qies!*

Jasal ukoll il-mument meta nkun se nitlaq lejn l-isptar biex nissokta ħidmieti. Hawnhekk, nidlek lil għażiża ommi biż-żejt tad-Dilka tal-Morda ħalli l-Mulej jissokta jagħtiha aktar saħħa, biex tibqa' tgħix b'saħħitha, u jqaddisha bil-preżenza tal-Ispirtu Qaddis li fiha jaħdem bil-bosta.

U, wara li nagħtiha bewsa u tagħtini bewsa lura hi, inberikha u tberikni. Twassalni sal-bieb u: *Saħħa Mà!* ngħidilha. Is-sabiħa hi li, kull darba li mmur inżurha, u anki fi triqti lura lejn l-isptar, il-Mulej dejjem jipprovdieli *lift*. Ma nafx kemm-il persuna tawhuli dan l-imbierek *lift* bil-karozza. Li naf hu li din hija konferma ċara ta' dak li tgħidilna l-Kelma t'Alla fil-ktieb ta' Bin Sirak: *Min iweġġaħ lil ommu, qisu qed jiġma' teżor*. Dan il-kliem huwa biżżejjed biex jhennili lil qalbi u jħeġġiġni aktar biex nibqa' nżur lil ommi bil-ferħ u bl-imħabba li l-Ispirtu tal-Mulej biss jagħtini. Dan hu li ngħix kull darba li mmur inżur lill-għażiża ommi!

# Nazju Abela f'intervista mal-*Footballer* Julian Holland

Ħaż-Żebbuġ, fl-ħamsinijiet, meta kont tifel, il-futbol kien differenti milli hu llum. Dak iż-żmien, it-tim ta' Ħaż-Żebbuġ kien fit-Tielet Divizjoni u l-aktar li kien jaspira kien li jirbaħ il-promozzjoni għat-Tieni Divizjoni. Kien għadu ż-żmien meta ma kienx hawn il-ġibda u l-ġenn għat-timijiet Ewropej bħal Manchester United, il-Juventus, Liverpool jew l-Inter. Allura konna nżommu mal-protagonisti tal-ogħla diviżjoni ta' Malta ta' dak iż-żmien bħall-Floriana u s-Sliema. Naħseb li din is-sitwazzjoni kienet teżisti wkoll Ħal Qormi u s-Siġġiewi.

F'dawn l-aħħar tletin jew erbgħin sena, ta' spiss kont nara lil plejer kbir ta' Floriana, Julian Holland, li beda l-karriera tiegħu proprju ma' Żebbuġ Rangers u baqa' midħla sew ta' raħal twelidi. Dejjem ammirajtu u dejjem kelli l-ħsieb li, xi darba, nintervistah. Nirringrazzjah talli aċċetta l-istedina tiegħi. Araw x'qalilna.

**It-tfulija u l-familja**

Twelidt fis-17 ta' Mejju 1952 f'appartament numru 76, Isouard Street tas-Sliema. Il-*midwife*, jekk niftakar tajjeb, Alla jagħtiha l-glorja tal-Ġenna, kienet Mrs Pecorella. Fuqna, kienu joqogħdu koppja ħelwa; nies tant twajbin u ġentili li ommi tgħid kienu jadurawni. Qed nirreferi għal omm u missier il-Professur Kenneth Wain. Meta kont għadni tfajjel, kienu qishom in-nanniet tiegħi ukoll. Il-magħmudija tiegħi saret fil-Knisja ta' San Girgor. Jien ix-xiħ kif, ta' sikwit ifakkruni ħuti u, warajja, ġew oħti Theresa u sitt ħuti subien oħra. Warajja, ġie wieħed mir-rejiet tal-futbol Malti, John Holland. Warajh waslet il-prinċipessa tagħna, l-unika tifla ma' seba' subien u, warajha, Dorian, *footballer* ukoll, Henry *footballer* u għalliem, Nigel ex-sindku ta' Floriana, librar u storiku ta' eċċellenza, Christian, Jeremy *footballer* ukoll u l-aħħar ġojjell f'dak li ommi, li kienet tant imkabbra bina, kienet issejħilna, *my Magnificent Seven*.



*Mix-xellug għal-lemin: Jeremy, Christian, Nigel, Henry, Dorian, Theresa, John u Julian*

Meta ħareg il-*film western*, *The Magnifiicent Seven*, tista' timmaġina kif bdejna nassoċjaw ruħna mal-karattri tiegħu. Kienet xi ħaġa li, biha, konna nidħku u ninku lil xulxin, kif għadna nagħmlu sal-lum stess. Ommi kienet it-tifla tal-mibki Ġanni Benċini, magħruf aktar bħala l-fundatur tal-Melita *Football Club*.

Ġanni Benċini waqqaf dan il-*club* fil-kantina ta' fejn kien joqgħod, fit-telgħa tas-Savoy. Il-*club* tal-Melita jistħoqqlu tifħir u ħajr enormi mhux biss għall-għexieren ta' *footballers* li ħarġu minnu imma wisq aktar għall-valuri li s-Sur Ġann bena sa minn meta twaqqaf il-*club* fit-28 t'April 1933. Is-Sur Ġanni Benċini kien ukoll wieħed mill-fundaturi, u wieħed mill-pilastri ewlenin, tal-Partit tal-Ħaddiema.

**Iż-żmien tal-iskola u l-bidu tal-futbol**



Attendejt l-iskola tan-Nuna tas-Sorijiet il-Furjana, il-Primarja ta' St. Joseph fi Strada Zakkarija, il-Belt u, wara, St. Joseph, Blata l-Bajda (skola li kienet il-*launching pad* tal-formazzjoni edukattiva u akkademika tiegħi) imbagħad, fl-aqwa skola sekondarja ta' dak iż-żmien, il-Liċeo tal-Ħamrun.

Ommi, magħrufa bħala Mrs Holland, wirtet l-imħabba kbira għall-futbol u żżewġet lil missieri, Reggie Holland, Furjaniz kbir. Missieri kien iqatta' ħafna ħin il-Furjana, kumitati ta' *Floriana Football Club* u anki ko-fundatur tal-FSOBIANS. Ommi, nistħajjel, aċċettat allura li nimxu għal Furjana u morna noqogħdu, forsi f'wieħed mill-isbaħ postijiet t'hemmhekk, f'numru 39, *Gunlayer Square* (illum Sir Luigi Preziosi Square). Kellna veduta mill-isbaħ tal-port il-kbir, ġnien tal-ġenn fejn stajna niġru, nitilgħu mas-siġar, nilagħbu ħarba u, ovvjament, nilagħbu l-futbol. Bħal ħafna oħrajn, in-namra għall-

futbol kienet tibda fit-toroq li, dak iż-żmien, kienu privi kważi għalkollox mit-traffiku.

**Karriera sabiħa fil-futbol**

Bdejt il-futbol f'*Gunlayer Square*, il-Kapuċċini, fuq il-Fosos, il-*playgroun*d, il-kannierja u ħdejn il-Knisja ta' Sarria flimkien ma' ħafna ħbieb Furjaniżi. L-ewwel club tiegħi kien il-Melita fejn lgħabt fit-tim li rebaħ il-*league* tal-*minors*. Wara sena, ingħaqadt ma' Floriana imma, wara ftit xhur, meta' kelli għoxrin sena, irreġistrajt ma' Żebbuġ *Rangers*. Kienu sentejn ħelwin li, matulhom, irbaħna n-*Knock-Out* tat-Tieni Diviżjoni u, naturalment, il-promozzjoni għall-Ewwel Diviżjoni. Żebbuġ *Rangers* kien tim li kellu plejers rinomati bħal, Robert Gatt, Charlie Scerri, Johnny Galea, Philip Farrugia, Saver Chircop u oħrajn; plejers li int kont tafhom Nazju. Infatti, jidhirli li, lil tnejn minnhom, Charlie Scerri u Saver Chircop, int kont anki tgħallimhom fl-iskola primarja. Wara sentejn, ingħaqadt ma' Floriana, it-tim ta' qalbi u tal-memorji sbieħ għax, magħhom, irbaħt l-ewwel unur mal-kbar. Dan kien l-*FA Trophy* f'logħba li ntlagħbet fl-*Empire Stadium* tal-Gżira fis-6 ta' Ġunju 1976, finali li kienet intemmet fi frakass. It-tim, dakinhar, kien magħmul minn: Michael Sultana, minni Julian Holland, Edwin Farrugia, John Holland, Anton Camilleri, Frankie Micallef, Ray Farrugia, Willie Vassallo, George Xuereb, Ray Xuereb u Powie Micallef.

Ta' sodisfazzjon kbir kien il-fatt li jien kont wieħed mill-grupp ta' *Floriana FC* li, bejn Frar 1976 u Mejju 1977, ktibna l-istorja meta waqqafna rekord ta' sebgħa u tletin logħba konsekuttiva mingħajr ma sofrejna telfa waħda matul il-kampanja kollha tagħna fil-kampjonat, fit-*Testaferrata Cup*, l-*FA Trophy*, *Sons of Malta Cup* u fit-Tazza Indipendenza. *Floriana FC* għadhom iżommu dan ir-rekord u ebda tim lokali ma rnexxielu jżomm ġirja hekk pożittiva fil-kompetizzjonijiet kollha li ntlagħbu matul l-istaġun. Fl-istess perijodu, *Floriana FC* żammew rekord ta' rebħ fuq ir-rivali storiċi tagħhom, *Sliema Wanderers* u Valletta, b'dawn tal-aħħar, ma jirnexxilhomx jirbħu




*It-tim ta' Floriana rebbieħ tal-unuri kollha fl-istaġun 1976/77*
*Wara, mix-xellug għal-lemin, Anton Camilleri, John Holland, Edwin Farrugia, Julian Holland u Ray Xuereb*
*Quddiem, George Ciantar, Michael Sultana, Powie Micallef, Ray Farrugia, George Xuereb u Frankie Micallef*

logħba waħda fil-ħames snin preċedenti.

**Messaġġ lill-anzjani**

Il-ħajja ġġib magħha kemm mumenti sbieħ kif ukoll mumenti inqas sbieħ. Imma r-rebħ tas-26 Kampjonat ta' Floriana s-sena l-oħra kien bħal warda li fawritli qalbi u ruħi. Esperjenzajt ferħ immens, bħal dak li l-ispirtu biss jista' jħoss. Kif wera matul il-logħbiet fl-Ewropa dan l-aħħar, it-tim tal-kampjonat eċċellenti u t-tim ta' dis-sena huwa, fil-fehma tiegħi, kapaċi jirbaħ aktar unuri.

**Lill-anjzani bħali ngħidilhom li, kif kienet tgħid ommi, "*The Lord Giveth and the Lord taketh away*!"** Għaldaqstant, kif kienet tgħid ommi wkoll, **"*Walk straight and fear nobody*!"**

# Il-Pellegrinaġġ tad-19 ta' Novembru 1944

**Anthony Borg - 21/11/19**



Bombi ntefgħu fuq beltek Kospikwana
Imma, O Madonna, ma ħallejtx tiġġarraf
Il-Kolleġġjata.

Imħassba Bormla kienet biex tmur
Refuġjata,
Fl-inħawi raħħalija.
Iżda mhux qabel wegħduk
Li, minn Birkirkara, joħduk
Għal belt tiegħek
Bl-akbar għożża u devozzjoni
Lilek, O Kunċizzjoni.

# L-epidemiji fil-milja taż-żmien

**Kitba ta' Paul J. Debono minn Ħal Lija**



Ta' anzjan li jien, minħabba l-coronavirus, jien ukoll, bħal ħafna minnkom, kont kostrett nibqa' msakkar id-dar. Kien hemm waqtiet li bdejt nisthajjilni l-fatat tal-kmamar! Mhux għax qabel kont nieħu sehem fil-*formula uno* tafux. 'Il bogħod minn hekk! Kont immur nixtri mingħand tal-*grocer*, kantuniera 'l bogħod minna. Għalija, dik kienet l-akbar ħarġa u, b'ċertu ħeġġa, kont nixtri l-bżonnijiet li kienet tiktibli l-mara. Issa, kull meta nixref barra għal xi dawra bil-karozza mat-tfal, arani bil-maskra!

Ma kienx hemm żmien fl-istorja tad-dinja li ma kienx hemm xi epidemija. Jingħad li, fi żmien l-imperu Biżantin, għall-ħabta tas-sena 550, faqqgħet epidemija. L-Imperatur Justinian I (*Flavius Amicus Justinianus*) baqa' magħruf għall-liġijiet li għamel (*juris civilis*). Fost l-oħrajn, għamar li meta bastiment jidħol il-port wara xi vjaġġ, dan għandu jtella' l-bandiera s-safra tal-kwarantina. U, qabel ma t-tabib tal-port jitla' abbord, jitkellem mal-kaptan u jikkonferma li ebda baħri ma kellu xi marda infettiva, il-bandiera s-safra ma setgħetx titniżżel.

Imma forsi l-akbar epidemija, li qerdet nofs il-popolazzjoni tal-Ewropa, seħħet bejn is-snin 1345 u l-1348. Kienet magħrufa bħala l-mewt is-sewda (*the black death*). Jingħad li bastiment tal-qlugħ ġie mill-Krimea fejn pesta qalila kienet għaddejja bla rażan. Fuq dan il-bastiment, kien hemm xi ġrieden infettati u dawn xerrdu l-marda mal-Ewropa kollha. Ebda pajjiż fl-Ewropa ma ħelisha. Tant eluf kbar sabu qabarhom li bilkemm kien għad fadal min jidfinhom u l-mejtin bdew jinxteħtu gozz wieħed ġo ħofra kbira komuni.

Matul il-ħakma ta' 268 sena tal-Kavallieri ta' San Ġwann, il-gżejjer Maltin intlaqtu minn xi epidemija jew oħra bosta drabi; kemm dik tal-pesta kif ukoll tal-kolera. Insibu li, fis-sena 1592, tfaċċat il-pesta għall-għarrieda u, minn popolazzjoni ta' madwar ħamsin elf ruħ, ħadet magħha 3,800 persuna. Jingħad ukoll li, x'aktarx matul din l-epidemija, familja tat-tajjeb marret tgħammar fuq Filfla u, sakemm għaddiet il-marda, kienu joħdulhom l-ikel bid-dgħajsa.

Imma l-aktar li mietu nies kien fi żmien il-pesta li laqtet lil pajjiżna fis-sena 1813 għax, minn fost popolazzjoni ta' madwar tmenin elf, tilfu ħajjithom 4,550 ruħ. Tant kienet akuta s-sitwazzjoni li, l-istess, ma sabux reffiegħa biżżejjed u l-mejtin kellhom jixħtuhom ġo ħofor kbar. M'hemmx għalfejn ngħidu, il-Port il-Kbir tbattal mill-iġfna, il-kummerċ spiċċa fix-xejn u fuq il-Maltin waqgħu ġuħ u għaks kbir. Kienet epidemija qawwija bħal dik deskritta minn Alessandro Manzoni fir-rumanz tiegħu *I Promessi Sposi,* li ħakmet l-Italja ta' fuq lejn nofs is-seklu sbatax. Xejn inqas qalila ma kienet il-pesta li ħakmet Londra fl-1665 u li ntemmet sena wara meta l-biċċa l-kbira ta' Londra inqerdet minn nar kbir (*the great fire of London*).

Wara t-tmiem tal-Ewwel Gwerra Dinjija, fl-1918, is-suldati li kienu tqabdu fit-trunċieri u baqgħu ħajjin marru lura lejn pajjiżhom u lejn djarhom. Hawn faqqgħet dik li baqgħet magħrufa bħala l-Ispanjola u din ukoll ħalliet il-vittmi tagħha f'Malta. Ommi, Lugrezja, li kienet tgħix Birkirkara, kienet tgħid li tiftakar bosta funerali tal-imsejknin vittmi li sabu qabarhom b'dan il-mod bikri. Huwa kkalkulat li, fid-dinja kollha, mietu miljuni kbar ta' nies.

Fl-1970, imbagħad, f'Napli tfaċċat il-kolera li swiet il-ħajja ta' xi ħamsin ruħ. Jgħidu li kien ittiekel xi frott tal-baħar li kien infettat. Għalkemm f'Malta din il-marda ma ħakmiitx, il-Maltin tant beżgħu li, tista' tgħid, kulħadd mar jieħu t-tilqima li naghtat apposta.

U issa tfaċċat il-*coronavirus*! Kif qalulna, din bdiet fiċ-Ċina u kulħadd qed isegwi dak li qed jiġri fid-dinja fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni. M'hemmx x'tagħmlu! Agħmlu bħali! Jien u l-mara nissieħbu fit-talb tagħna u, bl-akbar ħerqa, nitolbu lill-Mulej biex ifittex jeħlisna minn dan il-flaġell; lilna, lil uliedna, lill-Maltin u l-Għawdxin kollha u anki lil ħutna l-bnedmin kollha tad-dinja. Fis-skiet ta' darna, lanqas ma ninsew lil dawk li ntlaqtu minn din l-epidemija u t-talba biex dawn ifiequ ngħiduha l-aħħar ħaġa qabel norqdu.

# Xejn ma ngħidilkom ħbieb; agħmlu kuraġġ!

**Kitba ta' Franky Piccinino**

Għalkemm jien m'iniex xi xiħ għakka, madankollu nista' faċilment ngħid li, illum, ngħodd ruħi mal-vulnerabbli. U le, mhux venerabbli għidt! Dak Nazju Falzon, mela jien? Jien mal-vulnerabbli u, allura, f'dawn iż-żminijiet, irrid jew ma rridx, ikolli nibqa' ġewwa kemm nista' ħalli, jekk jista' jkun, dal-imniefaħ ta' *virus* ma jsibnix kif ġieb u laħaq.



Ħafna mill-ħin ngħaddih nagħmel affarijiet li, qabel il-pandemija, b'xi skuża jew b'oħra, kont nipprova naħrabhom. Daqqa nsajjar u daqqa nagħmel xi bżonnijiet tad-dar li, jekk ngħid is-sewwa, qabel, dejjem fittixt li nipprova nipposponihom għal xi darba oħra. Imm' issa, minħabba dan il-flaġell li gerfex id-dinja kollha, qed ikolli ngħaddi ħafna ħin maqful id-dar u l-ħin trid tara kif ser timlih għax, inkella, tarah qisu ma jrid jgħaddi qatt u, barra milli tiġġammja, tispiċċa biex tiġġennen ukoll.

Għalkemm ma tistax tgħid li jien ta' xi skola kbira, mill-banda l-oħra, ħija, l-editur ta' dan il-*magazine*, qatt ma qatagħli qalbi. Anzi, dejjem għamilli l-kuraġġ biex inħarbex il-ħsibijiet u l-ideat tiegħi flimkien mal-memorji ta' ħajti fuq il-karta. U minn dawn għandi mhux ħażin għax, kif jgħidu, meta tikber, tinsa x'kilt ilbieraħ u tiftakar ġrajjiet li seħħew xi sittin sena ilu.

Għaldaqstant, nixtieq li, bħalma ħaddieħor jinkoraġġixxi lili, nagħmel kuraġġ lilkom anzjani bħali u ngħidilkom biex ma taqtgħux qalbkom. Aqbdu karta u lapes u, minflok taqgħu fis-solitudni, imirħu daqsxejn fid-dinja tal-immmaġinazzjoni. Mhux bilfors niktbu xi epika bħal *War and Peace* ta' Tolstoy jew xi *Divina Commedia* bħal ta' Dante imma b'daqshekk m'għandniex nibqgħu lura. "Ħajjitna ktieb," jgħid John Demanuele u jiena ċert li kulħadd għandu xi ħaġa x'jirrakonta li ħaddieħor isibha interessanti. Wara kollox, sa fejn naf jien, f'dan il-magazin tal-anzjani għall-anzjani, ħadd mhu ser joqgħod jagħmlilna xi kritika letterarja. Anzi, għall-kuntrarju, ngħid għalija, jien dejjem sibt min jagħmilli kuraġġ.

Naf kemm l-anzjani jkunu qed jistennew dan il-*magazine* biex iqattgħu ftit tal-ħin jaqraw, speċjalment, dwar l-esperjenzi li jkunu għaddew minnhom anzjani oħrajn tul iż-żmien. Konvint ukoll li hawn ħafna aktar anzjani li għandhom bosta stejjer interessanti x'jirrakkuntaw. Mela, kuraġġ ħbieb u ara ma tħallux dan iż-żmien tal-pandemija jaqtgħalkom qalbkom. Anzi, ngħidilkom, dawru din l-isfida f'opportunità! Ngħid għalija, kieku kelli noqgħod insegwi l-ġrajjiet kurrenti minn filgħodu sa filgħaxija u ħlief Covid dsatax ma nismax, flok nagħmel kuraġġ, nispiċċa biex nidħol ġo qoxorti bħal bebbuxu, u hekk ma jaqbilx.

Mel' isimgħu minni! Aqbdu t-*telephone*, sibu xi qraba jew ħbieb li forsi ilkom ma tarawhom u oqogħdu tkellmu ftit fuq kollox; barra fuq il-*Coronavirus*. Isimgħu minni; ittuhx iktar arja lil dak, għax issa qażżes lil kulħadd! Jekk tagħmlu hekk, taraw kif tagħtu iktar sens lil ħajjitkom. U toqogħdux tintelqu żżejjed. Sibu ħin biex tmorru xi żewġ passi ħalli tħaddmu ftit il-ġogi. Tagħmlu tajjeb ukoll jekk issibu xi ktieb biex, barra milli tħaddmu ftit ġisimkom, tħaddmu naqra moħħkom ukoll għax il-magna kollha trid iż-żejt biex tibqa' taħdem tajjeb fit-tul. Wara kollox, nikkuntentaw b'dak li għandna, nirringrazzjaw 'l Alla għal dak kollu li tana u ħallih iħabbat il-baħar, kien jgħid missieri.

Inkunu pożittivi ħbieb tiegħi! (Inkunu pożittivi mhux wara xi *swab test* tafux! Dak le ħej!) Inkunu pożittivi billi naraw is-sabiħ tal-ħajja, u mhux l-ikraħ. Inħarsu 'l quddiem, mhux lura. Ma nistħux id-dlam imma nixegħlu xemgħa. Issa billi noqogħdu ninkwetaw għax il-festa ma saritx din is-sena x'ser nieħdu? Bħalissa, l-iktar affarijiet importanti huma li nsegwu l-pariri li jagħtuna l-awtoritajiet tas-saħħa u li nibżgħu għal saħħitna. Taraw kif, jekk Alla jrid, dan iż-żmien jgħaddi wkoll. Imbagħad, inkunu nistgħu nerġgħu ingawdu l-marċ b'żaqqna barra; ngħidu kelma bejn erbat iħbieb meta niltaqgħu fil-pjazza tar-raħal jew fuq iz-zuntier tal-knisja ma' Enzo Gusman u anki nkunu nistgħu nerġgħu nibdew immorru Paceville ukoll! U mela le!

# L-istorja tal-Mediċina

**Kitba riċerkata ta' Vincent Piccinino**

**René Théophile Laënnec**



Laënnec, tabib Franċiż, twieled fi Quimper, Brittany, fis-17 ta' Frar tal-1781. Studja fi sptarijiet militari ġewwa Pariġi u sar tabib fl-1812.

Fl-1819, Laënnec ivvinta l-istetoskopju li huwa strument importanti wżat mit-tobba biex jissemmgħu il-ħsejjes tal-qalb u tal-pulmun; strument li għadu magħna sal-lum stess. (Dak li jkollhom imdendel m'għonqhom ħafna mit-tobba). Fl-1822, Laënnec sar professur tal-mediċina fil-Collége de France.
Laënnec miet fl-1826 fl-età ta' ħamsa u erbgħin sena.

**William Thomas Green Morton**



Twieled f'Charlton, Massachusetts fid-9 t'Awwissu 1819 u studja d-dentistrija fil-College of Dental Surgery ta' Baltimore.

Dak iż-żmien, l-operazzjonijiet kienu għadhom isiru mingħajr il-loppju. Morton kien ilu jixtieq isib xi ħaġa li tnaqqas l-uġiegħ waqt l-operazzjonijiet. Ta' min ifakkar li, qabel deher dan il-bniedem fix-xena medika, l-operazzjonijiet kollha, inklużi operazzjonijiet maġġuri, kienu jsiru mingħajr il-loppju. Mhux ta' b'xejn li ħafna pazjenti kienu jmutu, jew bl-istress tal-operazzjoni nnifisha jew minn xi infezzjoni wara l-operazzjoni. Charles Jackson, spiżjar minn Boston, issuġġerielu juża l-eteru. Morton użah għall-ewwel darba b'suċċess biex jaqla sinna fit-30 ta' Settembru tal-1846 u, fis-16 t'Ottubru tal-istess sena, huwa ta dimostrazzjoni pubblika fl-Isptar Ġenerali ta' Massachusetts. Waqt li Morton amministra l-eteru, it-tabib J.C. Warren għamel operazzjoni mingħajr ma l-pazjent ħass l-ebda wġiegħ.

Fl-1847, Morton ippubblika l-istudju tiegħu bl-isem ta' *Remarks on the Proper Mode of Administering Sulphuric Ether*.

Morton qatt ma bbenefika finanzjarjament mis-sejba tiegħu u, fil-fatt, huwa miet fil-faqar fi New York fil-15 ta' Lulju 1868.

**Florence Nightingale**



Florence Nightingale, meqjusa bħala l-fundatriċi tal-professjoni tan-*nurses* kif nafuhom illum, twieldet ġewwa Firenze, l-Italja fit-12 ta' Mejju 1820. Fil-fatt, kien għalhekk li semmewha Florence, għal din il-belt sabiħa li twieldet fiha.

Florence kienet ġejja minn familja sinjura u, meta, fl-1844, qalet li riedet issir *nurse*, ommha u missierha ħaduha bi kbira ħafna. Kif naqraw fil-kotba ta' Charles Dickens tal-istess epoka, ħafna min-nurses ta' dak iż-żmien kienu prostituti, sakranazzi u maħmuġin. Imma Florence kienet determinata u xejn ma seta' jdawwarha mill-ħsieb tagħha. Tant hu hekk li, meta Richard Monckton Milnes, aktar tard Lord Houghton, talabha biex tiżżewġu, hija rrifjutat minkejja li kienet tadurah.

Fl-aħħar, fl-1853, ħallewha titlaq mid-dar biex tmur torganizza sptar żgħir f'Harley Street, Londra. Din kienet l-ewwel biċċa xogħol tagħha u tant għamlet suċċess li Sydney Herbert, Segretarju tal-Gwerra fil-Kabinett Ingliż, stedinha biex tmur fuq missjoni fil-Krimea. Il-gwerra mar-Russja kienet dikjarata f'Marzu 1854 u, sa Ottubru, l-Ingilterra kienet imħassba ħafna dwar l-istat ħażin tal-isptarijiet militari Ingliżi fuq il-kamp tal-battalja, kif imfissra mill-korrispondent tat-Times ta' Londra.

Florence Nightingale telqet lejn il-Krimea flimkien ma' tmienja u tletin *nurse* oħra fil-21 t'Ottubru tal-1854 u, fi żmien xahar, sabet ruħha tieħu ħsieb iktar minn ħamest elef ruħ. Kienet taħdem għoxrin siegħa kuljum mingħajr mistrieħ. Kull filgħaxija, kienet iddur is-swali kollha bil-lampa f'idejha. L-isptar ċentrali waħdu kellu madwar erba' mili ta' sodod. Kienet din il-ħaġa li tat lil Florence Nightingale il-laqam ta' *The Lady with the Lamp*.

Meta l-istorja tas-suċċess tagħha fil-Krimea dehret fil-

gazzetti, qam entużjażmu kbir. Florence Nightingale saret eroj nazzjonali inġabru £45,000 mill-pubbliku u tpoġġew għad-dispożizzjoni tagħha.

Fl-1858, Florence Nightingale ppublikat volum kbir jismu *Notes on Matters Affecting the Health, Efficiency and Hospital Administration of the British Army*. Fl-1859, twaqqfet kummissjoni biex tinvestiga l-kundizzjonijiet sanitarji tal-*army* fl-Indja u, fl-1863, ir-rapport kien lest u ngħata lis-Sinjorina Nightingale. L-ammont ta' xogħol li kienet tagħmel ma jitwemminx. Il-karti tal-kummissjoni biss kienu jimlew żewġ vannijiet.

F'Lulju tal-1860, bis-somma li kienet inġabret mill-pubbliku, Florence Nightingale fetħet in-*Nightingale Training School for Nurses* ġo St, Thomas Hospital . Fl-1907, Miss Nightingale ingħatat l-*Order of Merit*. Din l-aħbar kienet sorpriża għal bosta nies għax dawn, tant kien ilhom ma jisimgħu biha li ħasbu li Florence Nightingale kienet mietet xi nofs seklu qabel. Fil-fatt, hija mietet fit-13 t'Awwissu tal-1910 fl-età sabiħa ta' disgħin sena. Skont ix-xewqa tagħha stess, l-offerta ta' funeral statali u difna f'Westminster Abbey kienu rrifjutati u t-tebut tagħha nġarr lejn il-qabar tal-familja fiċ-ċimiterju żgħir ta' East Wellow, Hampshire, minn sitt surġenti tal-armata Ingliża.

Jekk illum, fil-pajjiżi ċivilizzati u moderni, għandna sptarijiet *state of the art*, dan huwa prinċipalment, dovut għax-xogħol amministrattiv enormi li għamlet din il-ġganta tal-istorja tal-mediċina.

**Herman Ludwig Ferdinand von Helmholtz**



Herman Ludwig Ferdinand von Helmholtz twieled fil-31 t'Awwissu 1821 ġewwa Potsdam ħdejn Berlin. Fl-1849, huwa sar professur tal-fisjoloġija ġo Königsberg fejn baqa' sal-1855 meta ġie mogħti s-sedja tal-fisjoloġija ġewwa Bonn.

Fl-1851, Helmholtz ivvinta l-ophthalmoscope, li huwa strument biex jeżamina r-retina tal-għajn. Kien Helmhotz li spjega dwar iċ-ċaqlieq tal-ħbub tal-għajnejn biex dawn jaraw stampa waħda minflok tnejn. Partikolarment, huwa reġa' qajjem it-teorija tal-vista bil-kulur, wera li t-tliet kuluri primarji huma l-aħmar, l-aħdar u l-vjola u applika din it-teorija biex jispjega x'jiġri meta wiehed ikun *colour blind*.

Fl-1858, Helmholtz sar professur tal-fisjoloġija ta' Heidelberg u, fl-1871, okkupa s-sedja tal-fiżika f'Berlin. Ma' din, fl-1887, Helmholtz inħatar ukoll direttur tal-Istitut Fiżiku-Tekniku ta' Charlottenburg, ħdejn Berlin. Helmholtz żamm dawn iż-żewġ karigi flimkien sa ma miet fit-8 ta' Settembru tal-1894, fl-età ta' tlieta u sebgħin sena.

# APPELL

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**
Is-Sinjura Mary Scerri (Hamrun) - €10.00
Is-Sur u s-Sinjura Conti Borda (Mosta) - €10.00
Is-Sinjura M'Anne DeMarco (Birgu) - €10.00
Is-Sur Charles Attard (Sliema) - € 20.00
Is-Sur u s-Sinjura E. Bezzina (Gżira) - € 10.00
Is-Sinjura J. Avellino (Birgu) - € 5.00

**L-Editur**
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista "L-Anzjani Llum" kull 3 xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani għandha ċirkolażżjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll l-anzjani individwali li huma abbonati.
Din ir-rivista hija ta' interess u informazzjoni għall-anzjani fejn ninkuraġġuhom ikunu aktar attivi, fiżikament u mentalment.
Għaldaqstant napprezzaw ħafna li tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista, biex dan l-iskop fejjiedi jkun jista' jitkompla.
Grazzi bil-quddiem

# Il-Mużika tax-Xitwa
# Ix-xogħlijiet mużikali l-aktar popolari għal dan l-istaġun

**Kitba ta' Peter Paul Ciantar**



Għadni kemm spiċċajt artiklu bl-Ingliż sabiħ ħafna u ppubblikat fuq informazzjoni miġbura f'*survey* mitluba minn *Recording House* magħrufa ħafna. Dan is-*survey* jiġbor fih ix-xogħlijiet l-aktar popolari li ispiraw, jew li huma xierqa għal, dan l-istaġun xitwi li, bħalissa, ninsabu fl-aqwa tiegħu. Il-mużika magħżula minn dawk mitluba fis-*survey* tvarja mill-famużi Erba Staġuni ta' Vivaldi sal-balletti ta' Tchaikovsky. U, biex nikkwota t-tieni sentenza tal-artiklu, *So, pull your chair up to that open fire and enjoy our wintery gallery;* verament vers li tassew iħajrek biex, f'dawn il-ġranet keshin tas-sena, tqatta' xi ftit ħin tisma' din il-mużika li ser insemmi.

**1.** ***The Four Seasons*** **(L-Erba' Staġuni) ta' Antonio Vivaldi**
Erba' kunċerti qosra għall-vjolin, naturalment, marbuta mal-istaġuni; l-aħħar wieħed minnhom jiddiskrivi x-xitwa. Kunċert li tassew tħoss fih il-kesħa li ġġiegħlek iċċaqċaq snienek u tisma' r-riħ ivenven barra t-triq. Imma dan l-istaġun fih is-seher tiegħu ukoll u dan huwa rifless sewwa f'dan ix-xogħol mużikali ta' Vivaldi.

**2.** ***Walking in the Air*** **ta' Howard Blake**
Blake kkompona għanja popolari tal-Milied bħala parti minn mużika ta' film animat ta' Foymond Briggs, *The Snowman*. Il-kanzunetta/diska oriġinali hija rrekordjata minn Peter Auty, membru tal-Kor tat-Tfal ta' St. Paul's Cathedral (kor Ingliż). Insemmi wkoll li Classic FM, stazzjon tar-radju Ingliż li jxandar mużika serja l-ġurnata kollha, irrekordja verżjoni oħra ta' din il-mużika minn Aled Jones li kienet suċċess tant li telgħet fil-ħames post taċ-*Charts* tal-kanzunetti popolari fl-Ingilterra.

**3.** ***La Bohème*** **ta' Giacomo Puccini**
Il-famuża opra ta' Puccini twieldet b'suċċess fl-1896 u tibqa' suċċess għax dak li huwa sabiħ huwa sabiħ għal dejjem. L-istorja ta' mħabba bejn il-poeta Rodolfo u Mimì tilħaq id-drammatiċità tagħha fi tmiem l-opra, f'kamra fqajra f'Pariġi waqt li kienet nieżla l-borra.

**4.** ***The Snow is Dancing*** **ta' Claude Debussy**
Dan huwa xogħol sabiħ u qasir għall-pjanu meħud mill-famużi *Children's Corner* ta' Debussy. Din il-minjatura mużikali bħal donnu taqbad dak l-effett tar-riħ li jdawwar il-borra tas-silġ. Il-kompożitur iddedika *Children's Corner* lil bintu, Emma.

**5.** ***The Nutcracker*** **ta' Peter Tchaikovsky**
F'dan il-*ballet*, insibu l-istorja tal-ġugarelli li jieħdu l-ħajja lejlet il-Milied. *The Nutcracker* sar il-ballet favorit tax-xitwa. Il-ħoss tal-bċejjeċ tas-silġ maż-żfin, l-għanbaqar fittizju taz-zokkor u l-ħafna ħelu tal-istaġun ipoġġu dan il-*ballet* fil-lista ta' balletti favoriti mhux biss mat-tfal imma wkoll mall-kbar.

**6.** ***Hansel and Gretel*** **ta' Humperdinck**
L-opra ta' Humperdinck, *Hansel and Gretel*, mibnija fuq ħrafa ta' dawn iż-żewġt itfal li jinħakmu mis-saħħara, hija opra marbuta mal-ġranet tal-Milied (l-ewwel esekuzzjoni kienet saret fit-23 ta' Diċembru tal-1893) u tkompli fl-istaġun tax-xitwa. Din l-opra tintwera fit-teatri f'dawn il-ġranet tax-xitwa u dejjem b'udjenzi numerużi.

**7.** ***The Seasons*** **(*Die Jahreszeiten*) ta' Haydn**
"Issa, li s-sena li għaddiet qed tmut u ċ-ċpar tas-silġ qed jinħall." Hekk tibda r-raba' u l-aħħar parti (ix-xitwa) tal-Oratorju ta' Haydn, *The Seasons*. Dan ix-xogħol mużikali huwa bbażat fuq poeżija ta' James Thomson. Haydn ħass li l-versi kienu ftit debboli bħala għeluq tal-kompożizzjoni u, għalhekk, iddeċieda li, għall-istaġun tax-xitwa (il-final) iżid kor qawwi biex iġib fit-tmiem dan l-oratorju tiegħu.

**8.** ***Sinfonia Antarctica*** **ta' Vaughan Williams**
Ralph Vaughan Williams ikkompona l-mużika għall-film epiku *Scott of the Antarctic* fl-1947. Mużikalment, il-kompożitur ħass sewwa l-istorja kommoventi ta' dan il-film li ddur f'pajsaġġ xitwi. Tant ħassha l-mużika li, sentejn wara, iddeċieda li jibda jaħdem fuq sinfonija li tinkludi ħafna mill-mużika ta' dan il-film. Hawn twieldet is-*Sinfonija Antarctica*.

**9. *The Little Match Girl Passion* ta' David Lang**
L-istorja ta' qsim il-qalb ta' tifla fqira, abbandunata, lejlet l-ewwel tas-sena, storja ta' Hans Christian Andersen, kienet ta' ispirazzjoni għall-kompożizzjoni mużikali ta' David Lang li biha wkoll rebaħ il-premju Amerikan Pulitzer. Il-kompożizzjoni nstemgħet għall-ewwel darba f'Carnegie Hall fl-2007. Hawn ukoll insemmu li David Lang ispira ruħu f'din il-kompożizzjoni mix-xogħol kbir ta' Bach, *St. Matthew Passion*.

**10. *Cantus Arcticus* ta' Einojuhani Rautavaara**
Din hija kompożizzjoni orkestrali miktuba fl-1972 mill-kompożitur kontemporanju Finlandiż Einojuhani Rautavaara u hija x-xogħol l-aktar magħruf tiegħu. Is-sinfonija hija fi tliet movmenti. L-ewwel moviment huwa bħal kunċert; l-għasafar u l-orkestra. It-tieni moviment huwa melankoniku, bil-ħoss tal-alwetta qed tnin ħdejn xatt il-baħar. U l-aħħar moviment jissuġġerixxi dehra taċ-ċinji qed iħallu lil pajjiżu. Il-kompożizzjoni tispiċċa għalxejn għalxejn.

L-istħarriġ tax-xogħlijiet l-aktar popolari fl-istaġun tax-xitwa ma jintemmx hawn; hemm iżjed imma, minħabba l-ispazju, jiena se nsemmihom biss :-

11. *The Bells*, sinfonija ta' Rachmaninov
12. *Christmas Oratorio* ta' J. S. Bach
13. *The Skaters' Waltz* (*Les Patineurs*) ta' Émile Waldteufel
14. Sinfonija Nru. 1 *Winter Dreams* ta' Tchaikovsky
15. *Winter* minn *The Seasons*, *ballet* ta' Glazunov
16. *Winterlust Polka* ta' Josef Strauss
17. Korngold u l-ballet tiegħu li ġablu fama *Der Schneemann*
18. *Des pas sur la neige* (*Footprints in the Snow*) ta' Debussy. Dan huwa is-sitt preludju mill-ewwel ktieb ta' Preludji ta' dan il-kompożitur Franċiż.
19. *Lieutenant Kijé*, *suite* orkestrali ta' Prokofiev
20. *Ballet of the Snowflakes* (minn *Le voyage dans la lune*) ta' Offenbach
21. *Winterreise,* għanjiet klassiċi għal soprano u pjanu ta' Schubert
22. Sinfonija Nru. 8, *Antarctic Symphony*, ta' Peter Maxwell Davies
23. *Weihnachtsbaum* (*Christmas Tree*), *suite* fi tnax-il biċċa ta' Liszt
24. *The Snow Maiden*, opra f'erba' atti ta' Rimsky-Korsakov
25. *Blow blow thou Winter wind* (versi ta' Shakespeare) xogħol korali ta' John Rutter u l-verżjoni l-oħra ta' Thomas Arne għal soprano u pjanu. Naturalment, jekk wieħed janalizza dawn il-gosti mużikali, isib li huma gosti għal udjenza nordika, tal-pajjiżi ta' fuq. Iżda, jekk wieħed jagħmel l-istess stħarriġ f'pajjiżna, il-ftit li jwieġbu (jiddispjaċini ngħid) juru gosti oħra, ħlief għall-ewwel waħda, *The Four Seasons* ta' Vivaldi u l-opra *La Bohème* ta' Puccini.

# Il-magna taż-żmien

**Anthony Cardona B.A., M.A., S.Th.D**

Hekk kif waqfet il-magna taż-żmien,
Dawritni dawramejt għal wiċċi fl-art
U qomt u rajt l-arloġġ – is-sena tmint elef!
U ntbaht li kont wasalt ġo belt ir-robots,
Kopja sijameżi ta' belt il-bnedmin.
U rajt id-dwal jixegħlu ħuġġieġa għammiexa
U xejn ma kien mistur, lanqas kuxjenza!
U ċ-ĊENTRU, marbut mal-erba' rkejjen bil-kompjuters,
Kien jitfa' plażma dawl janima l-ħajja.
U ma kont tara ebda kreatura
Li tħoss tad-demm u l-laħam l-uġigħ tagħna;
Li tifhem dak li jesperjenza l-bniedem.
Mank qalb li tħabbat; moħħ li jista' jaħseb!
Mank mara tqila, tfal jilagħbu, jwerżqu!
U bżajt minn dak il-għerf artifiċjali
U ħrabt fi triqti lura lejn daż-żmien!

# Il-Fondazzjoni Sebħ



**Kitba ta' Joe C.Cordina**
**Fundatur u Direttur tal-Għaqda, Tibqax Waħdek**

Minn żmien bikri, il-Ħamrun kien magħruf għall-għadd ta' istituti li nbnew fih. Fost dawn insibu, l-Istitut ta' Fra Diegu, li kien istitut tal-karità għal tfal bniet iltiema jew li, għal xi raġuni jew oħra, ma kellhomx fejn jitrabbew sew. Dan l-istitut ingħata l-isem tal-Istitut ta' Fra Diegu, għad unur il-fundatur tiegħu, Fra Diegu Bonanno, membru tal-Ordni Franġiskani Minuri.

Fil-ħidma tiegħu bħala ajk, Fra Diegu kellu l-inkarigu li jdur biċ-ċurniena, jew ħorga, imdendla ma' spalltu, jitlob il-karità biex isostni l-kunvent u jgħin lill-foqra. Waqt din il-ħidma, Fra Diegu kien jiltaqa' ma' ħafna każijiet ta' faqar imma kien jiltaqa' wkoll ma' każijiet ta' tfajliet li, minħabba l-istess faqar, kienu jispiċċaw jaqgħu għall-prostituzzjoni. Din il-ħaġa tant impressjonatu li ddeċieda li jagħmel xi ħaġa biex jgħinhom. Ma damx wisq biex sab dar f'Bormla u beda jiġborhom fiha u, wara, kellu jsib dar oħra fir-Raħal il-Ġdid. Tant beda jiġbor minn dawn it-tfajliet li, kull darba, kellu jfittex dar ikbar; l-ewwel f'Ħal Balzan, imbagħad f'Birkirkara u, iktar tard, fil-Ħamrun. Fra Diegu beda jiġbor ukoll tfal iltiema u ta' familji foqra u beda jqegħedhom fl-Istitut tal-Bon Pastur f'Ħal Balzan.



Il-kelma malajr ġriet li kien hemm dan l-ajk twajjeb li jieħu ħsieb l-iltiema u tfal oħra. Kien għalhekk li Fra Diegu beda jaħseb biex jibni istitut kbir ħalli jiġbor lil kulħadd fih. Il-Providenża riedet li dan l-Istitut jinbena fil-Ħamrun fuq art mgħotija mill-Markiż Kavallier Ġużeppi Sċiċluna, li għen sew anki fil-finanżi biex dan l-istiut ikun jista' jinbena. Sfortunatament, Fra Diegu nnifsu ma laħaqx ra dan l-Istitut lest għax miet tliet snin qabel ma tlesta meta kellu wieħed u sebgħin sena. Dan il-Fra, li żgur jixraqlu jasal biex jitqiegħed fuq l-artali, kellu funeral kbir u kien midfun fil-kripta tal-Knisja ta' Ġesù tal-Franġiskani Minuri. ara, kien sarlu monument kbir u sabiħ maħdum mill-iskultur Vinċent Apap li tqiegħed fin-nofs ta' Pjazza San Pawl fil-Ħamrun.

Bix-xieraq, l-Istitut li nbena ngħata ismu, Istitut Fra Diegu u, biex jieħdu ħsiebu, tħalla f'idejn is-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Ġesù mwaqqfin minn Madre Margerita de Brinċat li Fra Diegu kien jafha personalment. Illum, mija u tmintax-il sena wara mewtu, is-Sorijiet Franġiskani ma setgħux ikomplu iktar bil-ħidma tagħhom f'dan l-Istitut imma l-Providenża reġgħet daħlet fin-nofs u dan l-Istitut waqa' f'idejn il-Fondazzjoni Sebħ. L-esiġenżi ta' dawn iż-żminijiet ġabu sitwazzjoni fejn is-sorijiet kellhom iħallu dan l-Istitut. Imma din il-binja baqgħet toffri kenn u appoġġ lil grupp żgħir ta' tfal ġejjin minn familji għaddejjin minn diffikultajiet li, minħabba fihom, għal perijodu ta' żmien, ma jistgħux jibqgħu jgħixu mal-familja tagħhom. Dawn it-tfal jieħdu ħsiebhom għadd ta' nies professjonisti. Milli jidher, San Gejtanu u l-Providenza Divina jridu jkomplu jżommu din il-fama rigward Djar tat-Tfal li l-Ħamrun huwa miżgħud bihom. F'dawn l-aħħar snin, din il-binja ngħatat f'idejn il-Fondazzjoni Sebħ, *NGO* fi ħdan il-Knisja li giet imwaqqfa proprju bil-għan li toffri servizzi residenzjali għat-tfal. Il-Fondazzjoni toffri wkoll servizz residenzjali għall-vittmi ta' vjolenza domestika u, issa, permezz tal-*Community Prevention Service*, bdiet anki tipprovdi appoġġ lil dawk il-familji li jiltaqgħu ma' sitwazzjonijiet soċjali diffiċli. Peress li din ġiet stabbilita f'dan il-bini fiċ-ċentru tal-Ħamrun, il-Fondazzjoni tikkonċentra l-attenzjoni u l-ħidma tagħha fuq familji u individwi fil-komunità tal-Ħamrun bil-għan aħħari li ssaħħaħ il-familji u tippreveni l-ħtieġa ta' interventi speċjalizzati, u anki tassigura l-preżervazzjoni tal-familji fl-aħjar interess tat-tfal.

Il-missjoni tal-Fondazzjoni bdiet fl-1952 meta l-Arċidjoċesi ta' Malta ddeċidiet li tiġbor flimkien ix-xogħol li kien qiegħed isir ma' tfal li kienu qed jgħixu fi djar immexxijin minn Kongregazzjonijiet reliġjużi ta' rġiel u nisa. Dak iż-żmien, il-Fondazzjoni kienet magħrufa bħala Kummissjoni Orfanatrofji Djoċesani. Iktar tard, inbidlet għal Kummissjoni Djoċesana, Djar tat-Tfal biex imbagħad, ftit wara, ingħatat l-isem ta' Kummissjoni Ejjew Għandi. Fl-2018, din il-Kummissjoni kienet irreġistrata bħala *NGO* u, fis-sena 2019, kienet stabbilita bħala Fondazzjoni Sebħ. B'kollox, il-Fondazzjoni Sebħ tmexxi u tippromovi serviżżi f'Dar Fra Diego tal-Ħamrun, li tilqa' fiha għaxart itfal; Dar San Nikola, li wkoll tinsab fil-binja ta' Fra Diego, fejn hemm disat itfal; Dar Sagra Familja ta' Ħaż-Żabbar bi tnax-il tifel jew tifla; Dar Santa Thereża fiż-Żurrieq, fejn hemm sitt itfal; Dar Qalb ta' Ġesù li hija *shelter* għal disa' nisa vittmi ta' vjolenza domestika u t-tfal tagħhom, flimkien ma' tliet familji li, bħalissa, qegħdin f'dak li jgħidulu l-perijodu ta' semiindipendenza.

Ta' min isemmi wkoll li, sa mill-1952, il-mira prinċipali kienet dejjem id-Djar tat-Tfal. Però, fis-sena 2000, din il-mira nbidlet meta l-Arċidjoċesi ta' Malta fetħet id-Dar Qalb ta' Ġesù bħala *seċond stage shelter* li kien iservi



ta' kenn għal dawk li jkunu għaddew u ħelsu mill-vjolenza domestika. Dan ix-*shelter* kien l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu f'Malta li beda jiffoka fuq l-għajnuna lil nisa u tfal biex jergħu jintegraw fil-kommunità, indipendentement minn dak li jkun abbuża minnhom. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Fondazzjoni ġabret fiha *child care centre* kif ukoll nediet *Community Prevention Service*, servizz ta' prevenzjoni fil-kommunità. Iktar riċenti, il-Fondazzjoni, immexxija mid-Direttriċi, is-Sinjura Yvonne Mallia, ħolqot *team* ta' prevenzjoni bbażat fil-kommunità. Għal ħafna snin, il-Fondazzjoni kienet taħdem ma' persuni li kien ikollhom iħallu d-dar tagħhom minħabba diversi sitwazzjonijiet t'abbuż. Illum, inħossu li jkun aħjar jekk isir iktar xogħol ta' prevenzjoni biex nisa u tfal li jgħaddu minn xi problema ikunu mgħejjunin ħalli, kemm jista' jkun, jibqgħu jgħixu ġewwa d-dar tagħhom. Din ser tkun il-ħidma prinċipali tal-Community Prevention Team li jaħdem minn din il-binja li, sa mit-twaqqif tagħha, magħna l-Ħamruniżi kienet dejjem mgħarufa bħala l-Istitut ta' Fra Diegu.



Iktar 'il quddiem, din il-Fondazzjoni biħsiebha li, bil-mod il-mod, tifrex il-ħidma tagħha għall-Marsa, fejn hemm il-ħsieb li tibni kommunitajiet inklussivi. Dan, il-Fondazzjoni Sebħ biħsiebha tagħmlu billi tipprovdi servizzi ta' ħidma soċjali bbażati fil-kommunità u billi tibni *networks* fost il-kommunitajiet li joffru appoġġ formali jew informali lill-familji. Barra minn hekk, sejra wkoll tikkollabora ma' għaqdiet u organizzazzjonijiet lokali. Din il-kollaborazzjoni tista' tkun mifruxa fuq każijiet li jkunu referuti lilha għal interventi ta' ħidma soċjali, każijiet li jirrikjedu appoġġ kif ukoll proġetti flimkien ma' ġenituri, tfal u voluntiera mħarrġin f'dan is-settur biex ikun hemm iktar ħidma effettiva fil-kommunità. Barra minn hekk, il-Fondazzjoni Sebħ għandha ppjanat ukoll li torganizza attivitajiet u inizjattivi li jipprovdu ambjent għall-iżvilupp formali u informali ta' kapaċitajiet personali u soċjali li jżidu l-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali.

Min ikollu bżonn jagħmel kuntatt mal-*Community Prevention Team* għandu jċempel fuq 22470900, 22470923, 22470924, 79247530 jew permezz ta' *email* community@sebh.mt jew jirrikorri fl-indirizz 72B, Triq Villambrosa, il-Ħamrun.

---



# Vince, x'memorji ġibtli!

**Minn Nazju Abela - PRO tal-KNA**

Vince huwa Vincent Piccinino, l-Editur ta' dal-magazine li ħaqqu prosit u grazzi tal-ħidma tiegħu biex din il-publikazzjoni toħroġ regolarment. U prosit oħra akbar tal-aħħar ħarġa, in-numru 100 tal-*magazine*, li kellha preżentazzjoni mill-aqwa. Il-memorji li ġabli Vince huma riżultat tal-kitba tiegħu f'din il-ħarġa speċjali li huwa semmieha, *Avventura Għawdxija*.

Meta Vince semma ż-żjara tiegħu f'Għawdex, meta kien għadu qrempuċu (kemm seta' kellu? Ħdax-il sena? Insomma, ftit aktar jew ftit anqas) huwa tkellem fid-dettall dwar l-avventura tiegħu u ta' bosta tfal oħra mill-Belt li, kull sena, kienu jmorru għal btala f'Għawdex maċ-Ċirkolu tal-Azzjoni Kattolika, *Gioventù Cattolica*. Il-memorji li ġabli Vince huma għax, darba, jien ukoll attendejt għal dan il-kamp sajfi; mhux bħala wieħed mit-tfal imma bħala *helper* flimkien mas-saċerdoti li semma Vince u anki xi seminaristi li, fl-istess ħin, kienu jieħdu vaganza huma wkoll.

Bdejt il-karriera tiegħi ta' għalliem f'Settembru tal-1958 u x-xhur tas-sajf tal-1959 kienu l-ewwel vaganzi tiegħi. Sadanittant, matul l-aħħar sentejn, kont diġà nvolut sew fl-Azzjoni Kattolika f'Ħaż-Żebbuġ, fejn noqgħod. Ta' dsatax, kont mhux biss President taċ-Ċirkolu *Qalb ta' Ġesu* imma wkoll fil-Kunsill Ċentrali tal-fergħa tal-Ġuvintur tal-AK fejn Dun Philip Calleja (illum Monsinjur) kien l-Assistent Ekkleżjastiku Ċentrali. Ftit qabel is-sajf tal-1959, Dun Philip għarrafna bl-attività taċ-Ċirkolu tal-Belt u qal li, jekk xi ħadd jixtieq jagħti daqqa t'id, merħba bih. Jien aċċettajt u ġimgħa shiħa matul dak is-sajf, qattajtha f'Għawdex mat-tfal tal-Belt.

Jista' jkun li kien l-istess sajf meta attenda Vince. Min jaf? Dak hu jista' jgħidu. Li nista' ngħid jien hu li ħadt gost ħafna nara t-tfal ferħanin jgħumu, jaqbżu, ikantaw u, Alla jbierek, f'aptithom ukoll! Għadni niftakar is-*salad* eċċellenti li kienet tagħmel waħda mill-*helpers* li, ikolli ngħid, kienet oħt Dun Victor Grech Dimech. Għalija, bħala għalliem għadni nibda l-karriera tiegħi, kienet esperjenza tassew sabiħa. Biex tkompli tagħqad, jien u Vince erġajna ltqajna bħala għalliema fl-istess skola sekondarja tas-subien f'Ħal-Qormi San Ġorġ fil-bidu tas-sebgħinijiet. Kif jaf Vince, ma kienx żmien faċli f'din l-iskola peress li bosta mill-istudenti kienu iktar imlebilbin biex ifittxu joħorġu mill-iskola u jibdew jaħdmu.

Ngħid ukoll li, iktar 'il quddiem, reġa' kelli kuntatt mat-tfal Beltin meta, fid-9 ta' Frar 1981 (lejlet San Pawl) kont trasferit mill-iskola sekondarja tas-subien ta' Ħaż-Żebbuġ għall-iskola primarja tal-Belt, ħdejn Sant' Iermu, fejn kien hemm Mary Giglio bħala kap tal-Iskola li għenitni ħafna.

Iktar tard, Vince qaleb għaċ-Ċivil u kompla l-karriera tiegħu fl-amministrazzjoni. B'kumbinazzjoni oħra, jien u Vince kellna, b'xi mod, ħajja parallela għax hu għamel kważi sentejn bħala Segretarju Privat tal-Prim Ministru Dr Alfred Sant filwaqt li, lejn l-aħħar tal-karriera tiegħi, jien qattajt seba' snin bħala Segretarju Privat tal-Ministru tal-Edukazzjoni, Dr Ugo Mifsud Bonnici. Dak iż-żmien, Vince ġie l-*Education* **bħala Direttur fit-Taqsima tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni u, allura, erġajna ġejna naħdmu flimkien. Id-destin ried li jien dħalt fil-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani meta Vince kien diġà Editur ta' dal-magazine u jien ma stajtx nirreżisti li nerġa' nkun kollega tiegħu; anki f'dan il-qasam.**



# Id-devozzjoni ta' San Padre Pio tal-Pjagi lejn il-Milied

**Kitba ta' Fr. Charles Buttigieg**

Qabel sar patri, San Patri Piju kien jismu Francesco, għal San Franġisk, il-qaddis ta' Assisi, il-qaddis tal-Milied u tal-ewwel presepju ħaj fi Greccio li xerred ħafna d-devozzjoni tal-Milied fil-Knisja. Huwa twieled ġewwa Pietralcina ftit iktar minn 130 sena ilu, fil-25 ta' Mejju 1887, fl-Arċidjoċesi ta' Benevento fir-reġjun tal-Kampanja fin-naħa t'isfel tal-Italja fejn kien hemm ħafna faqar. Dan il-faqar għenu ħafna biex jimxi wara Kristu li wkoll twieled fil-faqar fil-grotta ta' Betlem. Tgħammed fil-knisja ta' Santa Maria degli Angeli maġenb l-anġli li jfakkruna fil-ferħ li kien hemm meta ħabbru lir-rgħajja ta' Betlem. Irċieva l-ewwel tqarbina u l-Griżma tal-Isqof fis-27 ta' Settembru 1899. Dawn kienu sagramenti importanti li, għalih, kienu jfissru ħafna, jiġifieri, li twieled Ġesù f'qalbu u li jilqa' d-don kbir tal-Ispirtu s-Santu. Infatti, bħala tifel, kellu viżjonijiet u diversi dehriet tal-Madonna, ta' San Ġużepp u ta' Ġesù. Mhux ta' b'xejn li, ta' tfajjel li kien, kien iħobb inaqqax fil-ġebel dawn il-figuri qaddisin tal-Milied. Meta kien jira' n-nagħaġ, kien jiġbor it-tafal li minnu kien iħobb jagħmel il-bambini tal-Milied. Għalkemm kien għadu tifel, xorta waħda kien joqgħod attent ħafna meta jnaqqax lil Ġesù tarbija għax kien irid iġibu eżatt u perfett kemm jista' jkun. Meta l-bambin tat-tafal, jew tal-ġebel, kien ikun lest, kien ipoġġih fuq idu u joqgħod jiggustah u jitkellem miegħu. Huwa kien jagħti minn dawn il-pasturi lit-tfal l-oħrajn ħbieb tiegħu. Kien iħobb jagħmel il-presepju u jixegħlu bix-xemgħa jew inkella jsib il-qxur tal-bebbux, jimlihom biż-żejt u jqabbad ftila ġo fihom ħalli jdawwal il-presepju.

Fis-27 ta' Jannar 1907, Patri Piju għamel il-professjoni solenni. Irċieva l-ordnijiet minuri fid-19 ta' Diċembru 1908 u s-suddjakonat fil-21 ta' Diċembru, jiġifieri jumejn wara, u, għalih, dan kien żmien sabiħ ħafna għax kien iż-żmien tal-avvent, ta' qabel il-festa sabiħa tal-Milied. Laħaq djaknu fit-18 ta' Lulju 1909 ġewwa Morcone u sar saċerdot fl-10 t'Awwissu 1910. Ried ikun qassis qaddis, umli u vittma perfetta lil Alla. Minħabba l-mard tiegħu, għax saħħtu kienet dgħajfa ħafna, bl-approvazzjoni tal-Papa Benedittu XV (li dejjem wera stima kbira lejh) fil-bidu tas-saċerdozju, beda jgħix u jqaddes mal-familja tiegħu imma, fl-1916, mar fil-Kunvent tal-Madonna tal-Grazzja tal-Kappuċċini ġewwa San Giovanni Rotondo għad-dell tal-muntanji Gargano. Żgur, għalhekk, li Patri Piju qatt ma fittex li jkun saċerdot popolari u famuż. Bħal Ġesù, li kellu jsib il-kenn fl-Eġittu mwarrab minn kulħadd, hekk ukoll kellu jagħmel dan is-saċerdot qaddis novell marid; jirtira għand il-familja tiegħu 'il bogħod mill-ħajja pastorali Franġiskana. Mill-20 ta' Settembru 1918 sat-23 ta' Settembru 1968, jiġifieri għal ħamsin sena sħaħ, Patri Piju ġarr fuqu l-pjagi ta' Kristu tas-Salib. Jiġifieri li, sa mill-bidu, eżattament bħal Ġesù, anki Patri Piju kellu jbati fis-skiet. Il-faxex imgeżwrin f'idejh, biex jgħattulu l-pjagi dejjem inixxu, ifakkruna fil-faxex li kien imgeżwer fihom Ġesù tarbija fil-maxtura u l-faxex li kien imgeżwer fihom Ġesù mniżżel minn fuq is-Salib.

Il-Beatu Pawlu VI jsejjaħ lil Patri Piju mhux biss il-qaddis tal-passjoni, għax verament kien l-immaġini ħajja ta' Kristu fuq is-Salib, imma wkoll il-qaddis tal-ġrajja tat-Twelid ta' Kristu li tant kienet tnissel ferħ kbir fil-qalb ta' dan il-qaddis. Kien jgħodd il-ġranet tal-Milied minn qabel, bħat-tfal, u min kien jistaqsih kemm kien għad fadal ġranet għall-Milied kien jagħtih tweġiba eżatta mal-ewwel. Fin-novena tal-Milied, kien iħossu li twieled mill-ġdid bil-ferħ li kien jħoss għax il-Milied, li huwa l-ġrajja tal-Inkarnazzjoni ta' Kristu, għalih kienet esperjenza kontinwa fil-ħajja tiegħu. Kuljum kien jgħix din l-intimità ta' għaqda mal-Mulej; kuljum kien jesperjenza l-ġrajja ta' Betlem f'qalbu, speċjalment fis-sagrifiċċju tal-quddiesa. Huwa kien saċerdot umli li jaċċetta kull tip ta' umiljazzjoni u, għalhekk, Alla mhux biss kien jgħinu fit-tbatija imma kien jippremjah bil-preżenza tiegħu. Għalih, il-quddiesa tal-Lejl qaddis tal-Milied, kienet tassew mument tal-Ġenna. Għaldaqstant, is-superjuri tiegħu kienu jagħtuh rigal sabiħ ħafna billi jħallu lilu jmexxi dejjem din il-quddiesa li, għalih, kienet tfisser ħafna. Ir-ritratti tiegħu jixhdu l-ferħ kbir fuq wiċċ Patri Piju waqt li kien ikun qed iġorr il-Bambin fil-Lejl tal-Milied. F'din il-quddiesa, Patri Piju kien jinsa kollox, l-irqad, l-għejja, il-ġuħ u l-għatx. Kien jinsa l-ħin u jidħol fid-dimensjoni tal-eternità. Għalhekk, il-quddiesa ta' nofsillejl tiegħu kienet iddum sal-ħamsa ta' filgħodu. Kien ferħ kbir għalih li jġorr lil Ġesù Bambin mill-kunvent sal-knisja akkumpanjat mill-kant ta' ħutu l-patrijiet bix-xemgħat mixgħulin. Imma n-nies, minn kull rokna tad-dinja, kienu jiġu biex jgħixu din il-quddiesa tiegħu tal-Bambin Ġesù. Qabel il-quddiesa, Patri Piju kien isib il-ħin biex jiltaqa' ma' dawn in-nies li kienu jiġu sa minn sigħat qabel minkejja l-ksieħ u toroq miksijin silġ, ħalli jitfarrġu mingħandu bis-Sagrament tal-Qrar. Mhux hekk biss, imma Patri Piju kien jixtieq li l-presepju fil-knisja jitpoġġa b'tali mod li jkun jista' jarah il-ħin kollu mill-post tal-konfessjunarju fejn kien iqarar lil eluf ta' penitenti fi żmien il-Milied u fl-ottava ta' wara l-Milied.

Il-lejl tal-24 ta' Diċembru tal-1922 jibqa' mfakkar għad-dehra ta' Ġesù ħaj tarbija f'dirgħarjn Patri Piju meta wiċċ dan il-qaddis deher jixgħel b'dija tal-għaġeb. L-istess miraklu reġa' seħħ sentejn wara meta Patri Piju ħareġ mill-kamra tiegħu fil-kunvent għall-quddiesa ta' nofsillejl u Patri Rafele da Sant' Elia ra l-kuritur jixgħel b'dija tal-għaġeb waqt li Patri Piju kien qed iġorr lil Ġesù ħaj tarbija. Patri Piju kien iħobb l-għanjiet tal-Milied u r-rappreżentazzjonjiet li kienu jsiru għal din l-okkażjoni. Darba kiteb li l-Milied iġib il-ferħ fil-qalb tal-bniedem bħal dak tat-tfal. Dan il-ferħ għal Patri

Piju kien ferħ tassew minkejja l-misteru tat-tbatija. Qalb Patri Piju kienet tassew ħaġa waħda mal-Qalb ta' Ġesù.

Ta' min jgħid ukoll li, fost il-penitenzi tiegħu fi żmien il-Milied, Patri Piju kien jitlob għarkupptejh quddiem il-presepju u joqgħod jimmedita fuq il-Misteru tal-Inkarnazzjoni. Quddiem ix-xbiha ta' Ġesù Bambin, dan is-saċerdot qaddis kien jagħraf l-Imħabba t'Alla u l-umiltà kbira ta' Ġesù għalina l-bnedmin. Fl-aħħar mumenti ta' ħajtu, Patri Piju kien jiffissa fuq kwadru ta' San Ġużepp li kellu fiċ-ċella tiegħu u jitolbu biex jagħtih mewta qaddisa. Patri Piju miet it-Tnejn, 23 ta' Settembru 1968 fis-2.30 ta' filgħodu fl-età ta' 81 sena f'San Giovanni Rotondo ġewwa Foggia. Il-mewt tiegħu matul il-lejl, bħal lejl tal-Milied, kienet tassew it-twelid tiegħu għas-sema fejn żgur, xhin daħal il-Ġenna, sab il-ferħ kbir tal-anġli u tal-qaddisin kollha jistennewh.

# Żbalji postali

## Sensiela ġdida mal-*Gozo Philatelic Society*
## b'kitba ta' Antoine Vassallo

Mad-dinja kollha, mhumiex ftit il-bolli li jkun fihom xi żbalji, ovvji jew le, li skappaw l-awtoritajiet postali. Ġieli jkunu ineżattezzi fl-illustrazzjoni, fid-data murija jew f'xi tagħrif ieħor. F'din is-sensiela, m'għandix l-intenzjoni li nuri difetti li, prinċipalment, jinteressaw lid-dilettanti filateliċi. F'moħħi għandi li nagħżel eżempji minn pajjiżi differenti li joffru opportunità biex nikteb xi ħaġa, anki fuq personalitajiet marbutin magħhom.




Nibda minn pajjiżna stess. Fl-2003, ħareġ sett ta' bolli li juri mtieħen, inkluża waħda msejħa, "Ta' Kola". Oriġinarjament, din il-mitħna fix-Xagħra nbniet fi żmien il-Granmastru Manoel de Vilhena imma kellha tissawwar mill-ġdid fl-1787 minħabba xogħol ħażin. Tat servizz għal sekli sħaħ imbagħad, fl-1992, il-Mużewijiet fetħuha biex tintuża bħala attrazzjoni turistika dwar il-ħajja tal-imgħoddi u, fl-2016, il-*Heritage Malta* għamlulha proġett kbir ta' restawr biex reġgħet ġiet taħdem mill-ġdid.

Imma, sfortunatament, ir-ritratt magħżul għal din il-bolla ma kienx verament ta' dil-mitħna! Dan l-iżball qatt ma ġie spjegat uffiċjalment. Nifhem li oriġina minn *album* qadim li jirreferi għal mawra lejn Għawdex imma kellu anki xeni ta' matul it-triq u, b'dan il-mod, mitħna Maltija saret Għawdxija. Fil-fatt, aħna tas-Soċjetà Filatelika t'Għawdex intbaħna lejlet li kellhom joħorġu dawn il-bolli però weġbuna li, issa, kien tard wisq biex jirmedjaw. Interessanti li anki t-timbru tal-okkażjoni kien skorrett bin-numru tal-qlugħ ma jaqbilx man-numru attwali ta' mtieħen f'pajjiżna. Fl-2016, il-MaltaPost pattiet għall-iżball għax, f'bolla b'suġġett ekoloġiku, Sean Cini wriena l-mitħna tassew Ta' Kola.






Dan l-isem oriġina mil-laqam tal-aħħar taħħan, Ġuzeppi Grech, magħruf ix-Xagħra bħala Żeppu ta' Kola (peress li missieru kien jismu Nikola). Ġużeppi twieled fit-12 t'April tas-sena 1900 ġo familja involuta sew f'dis-sengħa li kienet ġiet mill-Mosta. Nannuh, Ċensu, kien ġie speċifikament biex jipprova jerġa' jħaddem din il-mitħna proprjetà tal-Gvern. Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija, meta kien għad kellu sittax-il sena, Ġużeppi ħa sehem fil-ġlied qalil (x'aktarx nafuh bħala tad-Dardanelli) kontra l-forzi Ottomani fil-peniżola ta' Gallipoli. Wara xi sentejn, ġie lura lejn gżiritna imma, bħal ħafna minn niesna, ma damx ma reġa' parpar, din id-darba, lejn l-Awstralja, ifittex ix-xogħol. Beda fil-kannamieli taz-zokkor u kompla ġo fabbrika taċ-ċomb. Peress li missieru miet, fl-1928 lil Ġużeppi nerġgħu nsibuh ġewwa Għawdex għalkemm xorta waħda reġa' mar jipprova xortih it-Tuneżija qabel ħa f'idejh il-mitħna Ta' Kola.



Minħabba d-diversi snajja li kien trawwem fihom (inkluż dik tal-ġebel, tal-ħadid u anki tal-injam) Ġużeppi żamm il-mitħna taħdem tajjeb. Mhux talli hekk, talli, barra milli kien jieħu ħsieb sew il-mitħna tiegħu, fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, kien anki jintalab isewwi oħrajn li jaħdmu permezz tal-bhejjem u li reġgħu saru popolari minħabba l-iskarsezza taż-żjut industrijali. Ġużeppi Grech miet fl-età ta' sitta u tmenin sena fis-27 ta' Frar tal-1987. Lil Ġużeppi nistgħu narawh f'dan ir-ritratt li kien intuża bħala kartolina filatelika.

# Mhux kulħadd tmissu l-istess xorti

**Kitba ta' Carmen Dimech minn Ħaż Żebbuġ**

Ikolli ngħid li, jekk għandi elf difett, dak li niftaħar bija nnifsi ma naħsibx li hu wieħed minnhom. Imma jkolli nistqarr ukoll li, meta smajt l-aħbar ta' dieqa li l-Professur Oliver Friġġieri ħalliena, mill-ewwel mort niftaħ l-album tar-ritratti (li jiena nsejjaħlu l-album ta' ħajti) għax ftakart li jien ukoll għandi ritratt ma' dan il-bniedem kbir imma, fl-istess ħin, daqstant umli. Ma stajtx ma niftakarx fil-laqgħa sabiħa li darba, snin ilu, messitni x-xorti li jkolli miegħu meta kien ippreżentali xi ċertifikat għal xi ħaġa li kont ktibt jew għal xi konkors li kont irbaħt. Ma niftakarx xiex u mhux importanti. Ngħidilkom is-sewwa, għamilt ftit tal-ħin mhux ħażin inħares lejn dak ir-ritratt u, inkompli nqerr magħkom, ħassejtni xi ftit imkabbra bija nnifsi wkoll. U kif stajt ma nkunx; personalità bħal dik tal-Professur Friġġieri!



Tifhmunix ħażin tafux! Il-kobor huwa tiegħu, mhux tiegħi. M'għandi ebda ħsieb li noħodlu xi farka mill-mertu li jixraq lilu u lilu biss. Dwar Oliver Friġġieri diġà nkiteb ħafna u għad jibqa' jinkiteb ukoll. U dan mhux biss għax kien ikona tal-letteratura Maltija imma anki għax baqa' jgħallimna sal-aħħar nifs ta' ħajtu mingħajr qatt ma ppretenda xejn lura bi ħlas. Anzi, kont timbarazzah jekk ifettillek imqar tfaħħru f'wiċċu.

Imma, dak li ma jgħidx hu, ngħiduh aħna. Ngħid għalija, malli nirċievi l-magazine, 'L-Anzjani Llum', dritt infittex li naqra l-paġna tiegħu, li qatt ma naqset. Lili, minbarra d-dedikazzjoni li kellu lejn dak kollu li huwa Malti, Oliver Friġġieri jimpressjonani wkoll għall-imħabba kbira li kellu kemm għall-ġenituri tiegħu (speċjalment għal ommu) kif ukoll għall-post sabiħ fejn twieled u trabba, il-Furjana. Oliver kien bniedem ta' valuri sbieħ u sodi. Veru li hija kerha l-firda minn ma' bniedem daqshekk għażiż. Imma, fl-istess ħin, kemm hija ħaġa sabiħa meta dak li jkun iħalli warajh wirt daqstant għani bħalma ħalla Oliver! Għax warajh, il-Professur Friġġieri ħallielna minjiera ta' għerf kbir li, jgħaddu kemm jgħaddu snin, jibqa' jiġi mfittex mill-ġenerazzjonijiet li għad iridu jiġu għax dejjem ser jibqgħu isibu x'jitgħallmu minnu.

Il-magazine 'L-Anzjani Llum' tilef kontributur regolari ta' stoffa imma Malta kollha tilfet ġentlom ta' veru u akkademiku mill-aqwa li x-xogħol tiegħu huwa magħruf anki barra minn xtutna. Mhux ta' b'xejn li l-pajjiż għamillu funeral statali tassew dinjituż. Ma kienx jixraqlu inqas minn hekk.

Il-poeżija tant sabiħa tiegħu, 'Requiem għal ommi', Oliver jibdiha hekk:

Le, ma tistax, Mulej, lil din il-mara
ma ssibilhiex xi post fl-ewwel filliera
tal-ġenna tiegħek. Jekk il-patrijarki,
il-verġni u l-profeti u l-irjus l-oħra
diġà ħadulek dan l-ispazju, qajjem
xi ħadd minn hemm u qiegħed lilha f'postu.
Hekk biss isir il-ħaqq ma' din il-mara.

Jien għandi fidi qawwija li Oliver hemm sabha lil ommu, fl-ewwel filliera. Però, nissusspetta wkoll li, ta' għaref li kien, Oliver kien jaf x'qed jagħmel u, lil Mulej, talbu hekk biex hi tkun tista' żżommlu post ħdejha! U ma jixraqlux inqas minn hekk lanqas. Iktar 'l isfel, fl-istess poeżija, Oliver ikompli jgħid:

Sibilha dak il-post fl-ewwel filliera
u qajjem lil min ġà ħadilha postha
għax Inti wegħedt li jogħla min jitbaxxa
u min kien l-aħħar għandu jiġi l-ewwel.

Min kien jaf lil Friġġieri sewwa jista' jgħid kemm dan il-kliem jgħodd għal Oliver stess għax, fuq kollox, il-Professur Oliver Friġġieri kien bniedem tassew umli u għax min jiċċekken għandu jkun merfugħ 'il fuq. Hekk biss isir il-ħaqq ma' dan ir-raġel!

## E = MC²

**V. Piccinino**

Kont naf xi żewġ għalliema,
Jieħdu kollox biż-żuffjett,
Krew dar, il-Belt, għall-arja,
Fuq is-Sur ta' Marsamxett
U ħadmu fuq li ħadmu
U ma riedu jieqfu qatt
Sakemm jivvintaw somma
Li ma jaf jaħdimha ħadd!

# Jinħeba ċ-ċurkett

**Novella ta' Lina Brockdorff**



Is-Sinjura Mildred kienet qorbot it-tmenin. Kienet iġġibhom tajjeb, ħwejjeġ xi tbiddel kellha kemm trid u dan kien ikompli jgħinha biex ma tidhirx ta' dik l-età. Għaliha, il-flus ma kinux problema. Infatti, sa kellha qaddejja jisimha Stella li tqum u torqod magħha ġo villa f'Ta' Xbiex. X'kien jonqosha aktar?

Madankollu, ikollna nammettu li ma kinitx kuntenta għalkollox. L-inkwiet beda meta, ħames snin qabel, miet żewġha għal għarrieda b'attakk tal-qalb. Miskina, kemm ħaditha bi kbira, imma, b'xi mod jew ieħor, irpiljat. L-inkwiet ta' wara kien akbar mix-xokk tal-mewt ta' żewġha u, fl-istess ħin, kien stramb ukoll.

Mas-Sinjura Mildred kien jgħix Kenneth, neputi li ommu u missieru kellhom imorru Leeds sa ma missieru kompla l-istudji tiegħu tal-mediċina imma ma xtaqux jibdlu l-iskola ta' binhom hawn Malta, fejn kien kuntent ħafna. Huma baqgħu imsifrin waqt li, għalkemm issa kellu għoxrin sena, Kenneth baqa' man-nanna. Qabad namrata, xebba bil-għaqal jisimha Jasmine li, wara ftit tal-jiem, beda jdaħħalha d-dar għax in-nanna xtaqet taraha, u għoġbitha.



Għand is-Sinjura Mildred kien imur spiss Jimmy, tifel ta' ħames snin ta' waħda mill-ġirien li Mildred tant kienet tiggosta, tirrakontalu xi storja u xi drabi jilagħbu flimkien. L-aktar logħba għal qalbhom kienet *hot-cold* fejn xi ħadd jaħbi oġġett u l-ieħor jipprova jsibu waqt li sieħbu jgħinu b'xi waħda minn dawn iż-żewġ kelmiet skont kemm ikun qrib jew 'il bogħod tal-oġġett. Naturalment, Mildred ma tantx kien ikollha aptit tqum iddur tfittex mal-kamra imma, minflok, kienet tgħid lil Jimmy fejn taħseb li jinsab l-oġġett moħbi. Meta kien imissha taħbi hi Jimmy kien ikollu joħroġ mill-kamra billi Mildred ma kinitx tafdah li jagħlaq għajnejh sew.

Kien Jannar, temp mill-iktar kiesaħ u, għal jiem bħal dawk, Mildred kienet tilbes *housecoat* twila u ħoxna. Wara l-iskola, Jimmy mar s'għandha għax xtaq jilgħab *hot-cold*. Ix-xwejħa kkuntentatu u dlonk bdew ifittxu xi ħaġa x'jaħbu. Damu jaħsbuha imma, fl-aħħar, is-sinjura ħarġet ċurkett sabiħ tad-djamanti minn subgħajha u ftiehmu li jaħbu lilu. Is-soltu, Jimmy kien idum għandha xi sagħtejn. Kien ilhom ftit jilagħbu meta Mildred ħarset lejn l-arloġġ u qalet lil Jimmy li l-logħba li kienu qed jiagħbu hija tal-aħħar għax kien qed jagħfas il-ħin.

Jimmy kien joqgħod attent biex jassigura ruħu li Mildred tagħlaq għajnejha sew qabel jaħbi l-oġġett. Tabilħaqq, hekk kienet tagħmel Mildred u hekk għamlet dik id-darba wkoll. Kellha impressjoni li Jimmy baqa' fil-qrib imma daqshekk biss għax Stella sejħet lil Jimmy għax kienet ġiet ommu għalih. Dak kien ifisser ukoll li, għas-Sinjura Mildred, kien wasal il-ħin tal-ikla ta' filgħaxija.

Jimmy telaq, Mildred marret tiekol u addijo ċ-ċurkett; insietu għalkollox. Ftakret biss fih l-għada filgħodu u marret tfittxu fil-kamra fejn kienet qed tilgħab ma' Jimmy. Bdiet tfittxu mal-kamra kollha u tant għajjiet li, fl-aħħar, kellha tpoġġi bilqiegħda. Kemm ħassitha diżappuntata! Jaħasra daret il-kamra kollha u ebda sinjal taċ-ċurkett waqt li, fl-istess ħin, ma xtaqitx tammetti li ma kinitx kapaċi ssibu. Infatti, biex jilagħbu għal dakinhar, lestiet ċurkett ieħor li ma kienx ta' valur daqs ta' qablu, dejjem bit-tama li tinduna fejn Jimmy kien ħeba l-ewwel wieħed.

Għaddew għaxart ijiem u Mildred baqgħet mingħajr iċ-ċurkett. Stinat rasha li ma riditx titkellem dwaru ma' ħadd. Issa, barra l-inkwiet li tilfet iċ-ċurkett, żdied inkwiet ieħor għax bdiet tissuspetta li Jimmy ħallih fuq xi tavolina u seta' nġabar minn xi ħadd. L-ewwel suspett waqa' fuq Jasmine li mhux l-ewwel darba li marret ħdejha biex isellmilha jew tkellimha. Imissha tisthi, jekk ħaditu hi! Jew, forsi seta' kien Kenneth biex, xi darba, jagħtih lil Jasmine meta jitgħarrsu? Għal ftit mumenti, bdiet, saħansitra, tiddubita jekk setgħetx kienet il-qaddejja imma Stella kienet ilha magħha snin twal u qatt ma messet xejn.

Jannar reġa' beda juri snienu. Jimmy kellu d-deni u Mildred ma kellhiex ma' min tgħaddi l-ħin ta' waranofsinhar. Reġgħet daret għal *housecoat* il-ħoxna, xegħlet is-sett tat-televiżjoni u ntefgħet fuq il-pultruna. Indunat li nsiet taqfel il-*housecoat*. Qamet bilwieqfa u qabdet id-djul biex trikkibhom fuq xulxin meta ħasset xi ħaġa iebsa fil-keffa t'isfel. Dan kif qatt ma ħassitha qabel? Bejn il-ponti mberqin tal-keffa, kien hemm iċ-ċurkett tad-djamanti li tant kien inkwetaha! Kemm kien ħbieh tajjeb Jimmy!

***Meta ngħidu li dan huwa magazine tal-anzjani, mill-anzjani, għall-anzjani, ma nkunux qed niċċajtaw. Is-Sinjura Aida Azzopardi, illum tgħodd mal-wieħed u disgħin sena. Sitta u ħamsin sena ilu, f'Mejju tal-1964, meta kien għad kellha ħamsa u tletin, Aida kitbet daqsxejn ta' novella ħelwa. Kif ser taraw, din in-novella tinkludi bosta kliem Malti arkajiku li, illum, qajla għadek issib min jużah. Imma, sittin sena ilu, konna nużawh. It-tifla ta' Aida Azzopardi, Thelma Saliba, bagħtitilna din l-istorja biex nippubblikawha f'dan il-magazine ħalli tagħti sorpriża sbejħa ta' sodisfazzjon lill-ommha. U, aħna, hekk qed nagħmlu.***

***L-Editur***

# Il-Mara ta' Dubois

**Novella ta' Aida Azzopardi**



Dubois kien raġel li jżomm ruħu xummiema u dejjem ferrieħi. Għalkemm xi ftit nervuż ukoll, madankollu, kien joqgħod b'seba' għajnejn biex, kemm jista' jkun, jogħġob u jgħin f'kulma jista' lil sħabu tal-uffiċju. Minn naħa tagħhom, dawn kienu jħobbuh u jġibuh mhux ftit, kemm għax kien xi ftit ikbar minnhom kif ukoll għax kien jaf imur tajjeb magħhom u jagħmel kull ħaġa li kienu jeħtieġu minnu. Imma, kultant, Dubois kien ikollu jagħlaq għajnejh, iżomm fommu sieket u jġerraħ l-inbix tagħhom speċjalment, meta kien isemmi 'l mara. Għall-mara, Dubois dejjem kellu l-aqwa kliem ta' tifħir, kien jagħtihom x'jifhmu li jħobbha ħafna u li kien joqgħod ħafna għal li tgħidlu hi daqslikieku kien xi tifel żgħir.

Imma, lil dil-mara, ħadd mill-uffiċju qatt ma kien raha. Kif lanqas ħadd ma kellu l-iċken tagħrif dwar kif Dubois iqatta' l-bqija ta' ħajtu barra mill-uffiċju. Lanqas fejn kien joqgħod ma kienu jafu. Għalihom, ħajjet Dubois kienet biss mid-dar għall-uffiċju u mill-uffiċju għad-dar; maġenb il-mara. Ta' sikwit, kienu jippruvaw iħajruh imur jieħu flixkun birra magħhom imma hu dejjem ra kif għamel biex jirrifjuta bil-pulit. Anki meta kien imut xi ħadd u jiġbru għal xi kuruna u, forsi, Dubois ma kienx pront joħroġ sehmu mill-ewwel, arahom jegħmżu 'l xulxin minn taħt u ħallihom iqasqsu li, x'aktarx, kien jeħtieġlu jġib il-permess tal-mara l-ewwel. Min jaf, kienu jispekulaw bejniethom, jekk il-mara tħallilux flus biżżejjed fil-but? Forsi ma tafdahx! Min jaf x'tagħmillu jekk jiddawwar ma jidħol id-dar! Żgur isibha tistennih wara l-bieb bil-lembuba f'idha! Però dawn kienu biss spekulazzjonijiet għax, fil-fatt, ħadd ma kien jaf xejn sew. Imma, skont l-apparenza, kien jidher li, lil Dubois, il-mara kienet ħakmitu taħt idejha waħda sew. Fil-*break*, kienu jarawh jaqbad il-kolazzjon u, bi tbissima, jibda jgedwed waħdu: "Ħalli naraw x'lestietli l-mara! Eh, illum għamlitli wisq laħam! Imm' aħjar nieklu kollu għax hi taf x'inhu l-aħjar għalija. Jekk inħalli minnu, malajr tarma tgerger!"

Kien riesaq jum għeluq sninu u sħabu xtaqu jagħmlulu ċajta. Wara ħafna ħsieb, iddeċidew li jaraw kif jagħmlu biex jibagħtuh id-dar tard u anki jmorru miegħu ħalli jaraw il-mara kif kienet ser tilqgħu. B'hekk, forsi jkissru l-pussess kbir li kellha fuqu u hu ma jibqax iżjed qisu l-pupu tagħha. Issa ħalliha li ħadd minnhom ma kien jgħid xejn dwar kif marthom kienet tistmahom. Vanard ma kienx jgħid li l-fuklar kien ikollu jqabbdu hu għax martu kienet tgħid li lis-seftura ma tafdahiex għax ħalja wisq u li l-ħatab ma kinitx tmissu b'idejha għax kienet tibża' li tgħarraqhom. Minn naħa tiegħu, Bijou lanqas ma kien jgħid li l-mara qatt ma kienet tħallih ipejjep id-dar għax kienet tgħid li dak kollu ħela ta' flus fid-duħħan. Dawn l-affarijiet, ħadd minnhom ma kien isemmihom.

Fil-jum mistenni, xi ħames minuti qabel għalaq l-uffiċċju, Leflot, li kien l-aktar wieħed imqarqaċ fost sħabu, mar fuq Dubois u tah l-isbaħ xewqat. Sħabu kollha għamlu bħalu u, kelma ġġib lil oħra, il-ħin beda jagħfas mhux ħażin. Dubois kien fuq ix-xwiek biex imur lura d-dar imma kif seta' jitlaq lil ħbiebu li tant kienu qed jifirħu bih f'għeluq sninu? Ipprova jiżgiċċa imma ma rnexxilux għax Leflot kien għassa tiegħu. Iktar minn hekk, Leflot serraħlu rasu li kien ser jibgħat messaġġ biex jgħid lil tad-dar li, dakinhar, kien ser jiddawwar xi ftit, u dlonk ħareġ 'il barra. Malli ħareġ, sħabu l-oħra daru madwar Dubois u xi ħadd fetaħ flixkun xampanja. Wara ftit, Leflot reġa' daħal u lil Dubois tah il-kelma tiegħu li tad-dar dalwaqt jirċievu l-messaġġ li kien bagħtilhom. Imma, naturalment, Leflot ma kien bagħat xejn. Kulma kien għamel kien li xiref ftit sa barra u reġa' daħal. Kif seta' jibgħat messaġġ għand Dubois meta lanqas biss kien jaf fejn joqgħod?

Issa, li kien serraħ moħħu, xi ftit imlaħlaħ imma ferħan bir-rispett li kienu qed juruh sħabu, saħansitra mar magħhom f'ħanut biex ikomplu jiċċelebraw. Il-ħin beda għaddej u sħabu kienu qed jistennew bla sabar biex tfittex tasal id-daħqa tal-aħħar. Min jaf x'taptipa

kien ser jaqla' Dubois? Mhux biss għax iddawwar u għax mar id-dar xurban imma għax kien nefaq biċċa sew mill-paga. Qabel, il-paga żgur li kien jagħtihielha kollha lill-mara!

Bdew jistaqsu min minnhom kien ser imur miegħu d-dar. Kollha xtaqu jaraw kif kienet ser tilqgħu l-mara imma kollha sabuha bi tqila jindaħlu għal dik it-tabxa għax basru li l-mara ta' Dubois tkun qed tistennih fil-bieb b'xi ħatar f'idejha u, min iwassal lil żewġha d-dar, żgur li jduq minnu huwa wkoll. Damu jtellgħu u jniżżlu imma, fl-aħħar, Leflot qatagħha li jmur hu għax, wara kollox, dik iċ-ċajta kien ħoloqha hu.

Dubois, bl-ingravata maħlula u b'xagħru mħabbel, ma kienx jaf fejn qiegħed sewwa. Beda jieħu nifsijiet twal u jqarmeċ il-kliem waqt li jgħanni kanzunetta bilkemm tiftiehem. Leflot ma stagħġibx bi ftit meta Dubois waqaf quddiem dar fqajra. Daħlu ġewwa u, għad-dawl tas-sulfarini li beda jixgħel waħda wara l-oħra, Leflot lemaħ indana taraġ dejjaq u wieqaf li jtik l-impressjoni li donnu ħadd ma kien jieħu ħsiebu. Għalkemm xurban, Dubois beda jsikket lil Leflot u jitolbu biex, kemm jista' jkun, ma jagħmilx ħsejjes. "L-aħjar li nagħmel," qallu, "hu li nibqa' dieħel f'kamarti forsi l-mara ma tintebaħ b'xejn!" Il-bieb tal-appartament kien imbexxaq u, minn bejnu u bejn il-ħajt, kien ħiereġ raġġ dawl dgħajjef. Leflot għamel l-almu, żied jiftaħ il-bieb biex ikunu jistgħu jgħaddu u sabu ruħhom f'kamra tal-ikel. Għalkemm l-ikel kien imħejji fuq il-mejda, madankollu, kien għadu ma ntmess xejn minnu.



Bilqiegħda fuq siġġu u b'rasha mwieżna fuq dirgħajha mitluqin fuq il-mejda kien hemm daqsxejn ta' tfajla qisha anġlu. Minn surritha, donnha li kienet ilha tistenna u, f'dik il-ħemda, għajnejha marru biha. Leflot baqa' bħal miblugħ. Imma fejn hi l-mara? Bil-ħsejjes tal-passi, it-tfajla stembħet b'sabta, fethet għajnejha, għolliet rasha 'l fuq, marret minnufih tiġri lejn missierha u għenitu jistrieħ fuq siġġu fil-qrib. Imbagħad, daret lejn Leflot u, minn taħt l-ilsien, qaltlu, "Grazzi sinjur!" Dak il-waqt, lil Leflot naqsu l-kliem u bħal donnu ħass saqajh jeħlu mal-art. "Ili nistennih lil missieri," tenniet it-tfajla. "Lil ħuti kelli ndaħħalhom jorqdu għax qabadhom in-nagħas. Bdew jibku għax ma setgħux isemmgħulu l-kanzunetta li tgħallmu biex ikantawhielu f'għeluq sninu u sogħobihom ukoll li ma setgħux jagħtuh il-pipa li xtrajnilu għall-*birthday*. Imma, l-aqwa li ma ġralu xejn!" Leflot baqa' ma lissinx kelma filwaqt li hi kompliet tgħidlu, "Grazzi sinjur! Grazzi talli ħadt ħsiebu!"

Dubois kien qed iħares lejha bi tbissima tixgħel fuq wiċċu. "Din hi l-mara li dejjem insemmilkom Leflot. X'jidhirlek eh? Wara l-mewt t'ommha, kienet hi li ħadet ħsiebi u ħsieb ħutha!"

Leflot baqa' mbikkem. Ra kif għamel u bewweġ 'il barra b'għoqla fi griżmejh u b'għafsa ta' qalb. Ebda kelma ma ħarġet minn fommu. Minn dakinhar 'il quddiem, żgur li qatt aktar ma fittex li jagħmel ċajta goffa oħra bħal dik lil xi ħadd.

# Il-Karba tal-Bnedmin

**Mary Rose Gatt mill-Ħamrun**

Sthajjilt qed nara frotta,
Fid-dehra, tant ħanina
Li tħajrek tersaq lejha
Għat-togħma tagħha bnina.

Id-dinja hija frotta
Li tħajrek għat-tbaħrid;
Il-bniedem jagħżel lilha
Biex jagħmel dak li jrid.

Imm' issa sab xi jwerwru
Li qatt ma basar bih,
Dan hu l-*coronavirus*
Għax ħadd ma jist' għalih.

Daqsxejn ta' ħlejqa ċkejkna
Li d-dinja qatt ma rat,
Kapaċi teqred, toqtol,
Tattakka b'mod sfrenat.

Id-dinja mardet f'daqqa;
Il-bniedem inkwetat
B'dil-pandemija kiefra
Li m'għandha ħnien' għal ħadd.

It-tama waħdanija
Li nduru lejn it-talb;
Nobdu kull direttiva
Bla ebda qtiegħ-il qalb.

Jekk kulħadd jobdi u jisma',
Il-ġlieda żgur negħlbuha,
Kbir kemm hu kbir dan l-għadu
Ma ndumux biex nirbħuha.

Mulej, tina l-għajnuna,
Aħfriln' għax warrabnik;
F'daż-żminijiet diffiċli,
Bħalissa, insejnik.

Bħall-Iben Ħali ġralna,
Tlaqnik u morn' għal riħna.
Imm' issa indunajna
Li kważi tlifna ġieħna.

Mulej, neħħi dil-pjaga
Minn fuq id-dinja kollha
Ħa tfeġġ il-paċi fostna.
Din l-għoqd' Int biss taf tħollha!



# TISLIBA Nru.101

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**

1. Maħdum f'fonderija (6)
5. Imħassar fid-dettalji (6)
10. Tweġiba affermattiva (3)
12. Il-maqlub ta' bieraħ (5)
14. Ħuta ċatta tal-qiegħ (5)
15. Għeneb imqadded (4)
16. *Tom Jones* (1.1)
17. San Pawl ta' ... (5)
19. Ġlieda; Battalja (5)
22. Nies li jħallu pajjiżhom biex jagħtu għajnuna fejn hemm bżonn (8)
24. Ċerimonja; Solennità (3)
25. Il-borża ta' San ... (6)
28. Buġija; Lumin (5)
31. Barraxa; Imbruljun (5)
33. Ilma mqaddes (7)
35. Ċajta li ma jdaħħakx; Dardir (5)
37. *United States* (1.1)
38. Sadattant (6)
39. Għalf għall-bhejjem (5)

**Weqfin:**

2. Strument mużikali użat l-aktar fil-knejjes (5)
3. Dover (4)
4. Ma tħalliex rieqed (7)
6. Għoti tas-siġar (5)
7. Taxxa; Sisa (6)
8. Siġra tixber fil-blat twarrad safrani (6)
9. Bla ħlas; B'xejn (6)
11. *Value Added Tax* (1.1.1)
13. Tintuża għall-injezzjonijiet (7)
18. Ġrajja; Għemil; Ħaġa li ġrat (4)
20. Gaġġa għall-insib (7)
21. Skop; Sparatura (3)
23. Stil f'poeżiji f'għamla ta' *jambo* (9)
26. Keskes; Dan jaqla l-inkwiet (6)
27. Gabina (6)
29. Jiġri x'jiġri; Imqar jekk (6)
30. Tifel li jgħin waqt quddiesa (6)
32. Serbut ta' nies wara xulxin (3)
34. Tilef lil martu għax mietet (5)
36. Dawn jitwieldu fil-baħar / ilma ħelu (3)

**Premju:** It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' Đ10.
Il-Premju għat-tisliba numru 100 intrebħet mis-Sinjura Salvina Zammit – Birkirkara **Prosit!**

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 100**
**Mimdudin: 1**reġina, **5** aspett, **10** mba, **12** aġita, **14** allat, **15** qatt, **16** ai, **17** urtat, **19** salib, **22** illumina, **24** asa, **25** ċraret, **28** sliem, **31** senat, **33** kwartin, **35** astut, **37** re, **38** imperu u **39** albin.

**Weqfin: 2** elett, **3** ilma, **4** analiżi, **6** spiru, **7** tratti, **8** lanqas, **9** battal, **11** bla, **13** attenti, **18** kbar, **20** larinġa, **21** isa, **23** muskatell, **26** tetete, **27** fekrun, **29** manwal, **30** assisi, **32** tut, **34** torri u **36** uru.



# L-Anzjani fil-Bibbja



## Kitba ta' Anthony Mule' Stagno
## President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

**Xmun il-Makkabew**

Dan il-persunaġġ insibuh lejn l-aħħar tal-ewwel ktieb tal-Makkabin. Kien il-qassis il-kbir u etnarka (il-mexxej tal-Lhud) u, meta xjaħ, ta s-setgħa lil uliedu, Ġuda u Ġwanni. Imma hu xorta baqa' jieħu ħsieb ċerti affarijiet tat-tmexxija. Qabel ħalla t-tmexxija f'idejn uliedu, kien għamel bosta akkwisti għall-poplu Lhudi. Kien reġa' rebaħ bosta bliet li kienu ħadulhom il-popli ta' madwarhom u anki laħaq ftehim ta' nonaggressjoni mar-Rumani u mal-Ispartani.

Imma, kif jiġri ta' spiss, meta jkun hemm xi ħadd ta' ħila, dejjem issib min jgħir għalih. F'kapitlu 16, versi minn 11 sa 13, insibu li, "Ptolomew, bin Abub, kien sar gvernatur tal-wita ta' Ġeriko u kellu ħafna fidda u deheb għax kien ħaten il-qassis il-kbir. Imma hu tkabbar f'qalbu u ried jiggverna l-pajjiż kollu u beda jaħseb biex iqarraq bi Xmun u wliedu ħalli jeħles minnhom."

Ġietu x-xoqqa f'moxtha meta Xmun niżel Ġeriko ma' wliedu, Mattatija u Ġuda. Stedinhom u għamlilhom ikla kbira ġo fortizza żgħira fejn kien ħeba xi nies minn tiegħu. Meta Xmun u wliedu tlaħalhu sew, Ptolomew qabad l-armi u n-nies li kellu moħbija daħlu fil-kamra tal-ikel u qatlu lil Xmun, liż-żewġ uliedu u lill-qaddejja kollha tagħhom

Dan il-pass mill-Bibbja jfakkarni fil-*Game of Thrones*, episodju 9 tat-tielet staġun; dak li kien jismu the *Red Wedding*. Tgħid kien ispirat minnu?



**L-anzjan minn Ateni**

Anzjan ieħor imsemmi imma mhux b'ismu, huwa dak li s-sultan Antijoku bagħat minn Ateni biex iġiegħel lill-Lhud jiċħdu twemminhom. Dan l-anzjan nieda persekuzzjoni mill-aktar ħarxa kontra l-Lhud biex jeqred it-twemmin tagħhom. Daħal fit-tempju u seraq il-ġid u t-teżori kollha li kien hemm u kkonverta t-tempju f'wieħed ikkonsagrat lil Żews, l-alla ewlieni tal-Griegi. Kienu jsiru sagrifiċċji fuq l-altar b'annimali moqżieża, is-subien ma' setgħux jiġu aktar ċirkonċiżi u l-kbar kellhom jieħdu sehem fil-festi dedikati lil Bakku u jieklu mil-laħam projbit. Ħadd ma seta' la jħares is-Sibt, la jiċċelebra l-festi ta' missirijietu u lanqas juri fil-beraħ li kien Lhudi. Fuq għamar ta' dan l-istess anzjan, dawn l-ordnijiet kienu estiżi għall-Lhud kollha fl-artijiet Griegi taħt l-istess sultan.

Ma nafu kważi xejn iżjed dwar dan l-anzjan ħlief li aktarx li, taħt il-ħakma tiegħu, ġraw il-martirji kollha ta' Lhud imsemmijin warajh fit-tieni ktieb tal-Makkabin.

**Elgħażar**

Dan kien wieħed mill-ewlenin fost l-iskribi u ma riedx jobdi l-kmand li jiekol il-laħam tal-majjal. Billi kien rispettat anki mill-istess nies tas-sultan, ippruvaw iġegħluh jiekol bil-forza imma hu beda jobżqu minn ħalqu u mar minn jeddu lejn il-patibolu li kien tlesta għal min ma jobdix l-editt tas-sultan.

Ħbiebu l-Lhud u l-Griegi, li kienu jirrispettawh, daru miegħu u bdew jippruvaw jikkonvinċuh jiekol minn dak il-laħam imma kien kollu għalxejn għax Elgħażar baqa' sod f'fehmtu. Allura bidlu t-tattika u qalulu biex iġib laħam minn tiegħu u, bil-moħbi, jibdlu ma' dak tas-sultan u jieklu. Imma lanqas hekk ma ried għax, skont hu, dan kien ikun ta' eżempju ħażin għall-oħrajn għax jaħsbu li hu kiel il-laħam projbit. Ħbiebu qiesu dan l-aġir bħala għebusija ta' rasu u daru kontrih. Imma l-martirju tiegħu kien ta' eżempju għal ħafna.

## Lilek…
**(Li ġejt fostna fuq mewġ id-destin)**

**Poeżija ta' Karmenu Mallia**

Merħba bik li ġejt hawn fostna;
Tistaqsix x'inhuwa gostna;
Nilqgħu lil kulħadd l-istess,
M'għandekx titlob xi permess.
Kollha wlied l-umanità,
Aħwa lkoll, bis-serjetà.
Idħol magħn' aqsam id-dawl
Li wasslilna kien San Pawl.
Qabel titlaq, insellmulek,
B'idek nieħdu u nistqarrulek,
Kemm fl-għemil u kemm fil-ħsieb:
"Bħalma konna, nibqgħu ħbieb".

## Akkwista l-ktieb

# *L-Appuntament mad-Destin u Stejjer Oħra*

**ġabra ta' novelli miktubin minn Vincent Piccinino jew agħtih rigal lil xi ħadd dal-Milied. Ktieb sabiħ huwa rigal li jibqa' jgħodd għal dejjem.**




## LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

***KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI***

**DATA U ĦIN JITĦABBRU AKTAR 'IL QUDDIEM**

***L-ANZJANI HUMA MISTIEDNA JATTENDU***